**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta’ dokumentazzjoni u m’għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f’EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f’dan id-dokument**

►B

# ID-DIRETTIVA 2000/14/KE TAL-PARLAMENT EWPOPEW U L-KUNSILL

**tat-8 ta' Mejju 2000**

**dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra**

(ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Id-Direttiva 2005/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ l-14 ta’ Diċembru 2005 | L 344 | 44 | 27.12.2005 |
| ►M2 | Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 | L 87 | 109 | 31.3.2009 |
| ►M3 | Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 | L 198 | 241 | 25.7.2019 |

▼B

# ID-DIRETTIVA 2000/14/KE TAL-PARLAMENT EWPOPEW U L-KUNSILL

**tat-8 ta' Mejju 2000**

**dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra**

*Artikolu 1*

**Objettivi**

L-għan ta' din id-Direttiva hija li tarmonizza l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-i*standards* ta' l-emissjoni ta' ħoss, proċeduri ta' stima ta' konformitá, immarkar, dokumentazzjoni u kollezzjoni teknika ta' informazzjoni dwar l-emissjoni ta' ħoss fl-ambjent ta' tagħmir għall-użu ta' barra. Tikkontribwixxi għal funzjonament bla xkiel tas-suq intern, sadanittant tipproteġi saħħa u l-kumditá tal-bniedem.

*Artikolu 2*

**Skop**

1. Din id-Direttiva tapplika għal tagħmir għall-użu ta' barra mniżżel fl-Artikoli 12 u 13 u definiti fl-Anness I. Din id-Direttiva tkopri biss tagħmir imqiegħed fis-suq jew provduti f'servizz bħala klassifikazzjoni sħiħa addattata għall-użu maħsub. Twaħħil mhux bil-qawwa li huma separatament mqiegħda fis-suq jew provduti f'servizzi għandhom ikunu esklużi, minbarra għal tkissir jew ġbir ta' konkrit bl-idejn u għal mrietel idrawliċi.

2. Dawn li ġejjin għandhom jkunu esklużi mill-għan ta' din id-Direttiva:

— it-tagħmir kollu maħsub għat-trasport ta' oġġetti jew persuni mit-triq jew b'ferrovija jew bl-ajru jew b'passaġġi ta' l-ilma,

— taħgmir iddisinjat u mibni speċjalment għal għanijiet militari u tal-pulizija u għal servizzi ta' emerġenza.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-għan ta' din id-Direttiva d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "tagħmir għall-użu ta' barra" tfisser il-makkinarju kollu definit fl-Artikolu 1(2) ta' Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw ma' makkinarju ([1]) jew li jaħdmu weħidhom jew li jistgħu ikunu mċaqalqa, irrispettivament ta' l-element(i) tas-sewqan, huma maħsuba li jkunu wżati, skond it-tip tagħhom, fil-miftuħ u li jikkontribwixxu għal esposizzjoni ambjentali ta' ħoss. L-użu ta' tagħmir fi klima fejn it-trasmissjoni ta' ħoss mhijiex jew mhijiex sinifikatament effettwata (per eżempju taħt tined, taħt bjut għal protezzjoni kontra xita jew fil-qoxra ta' djar)

([1]) ĠU L 207, 23.7.1998, p. 1. Direttiva kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 98/79/KE (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1).

▼B

jitqies bħala użu fil-miftuħ. Tfisser ukoll tagħmir mhux bil-qawwa għal applikazzjonijiet industrijali jew ambjentali maħsuba, skond it-tip tagħhom, biex jintużaw barra u li jikkontribwixxu għal esposizzjoni ambjentali ta' ħoss. Dawn it-tipi kollha ta' tagħmir huma minn issa ‘l quddiem imsejjħa “tagħmir”;

(b) “proċeduri ta' stima ta' konformitá” tfisser il-proċeduri mniżżla fl-Annessi V sa VIII, bbażata fuq Deċiżjoni 93/465/KEE;

(ċ) “immarkar” tfisser il-twaħħil viżibbli, leġġibbli u li ma jistax jitħassar fuq it-tagħmir tal-markar CE definit f'Deċiżjoni 93/465/KEE li jkollu miegħu indikazzjoni tal-livell ta' garanzija ta' qawwa ta' ħoss;

(d) “livell ta' qawwa ta' ħoss $L_{WA}$” tfisser il-qawwa ta' ħoss A - imkejjel f'dB f'relazzjoni ma' 1 pW kif imsejjaħ f'EN OSI 3744:1995 u EN OSI 3746:1995;

(e) “livell ta' qawwa ta' ħoss imkejjel” tfisser livell ta' qawwa ta' ħoss kif determinat mit-tkejjil kif imniżżla fl-Anness II; valuri mkejjla jistgħu jkunu determinat jew minn rappreżentanti ta' magna singola mit-tip ta' tagħmir jew mill-medja ta' numru ta' magni;

(f) “livell ta' qawwa ta' ħoss garantit” tfisser livell ta' ħoss ta' qawwa determinat skond il-bżonnijiet imniżżla fl-Anness III li tinkludi l-inċertezzi minħabba varjazzjoni ta' produzzjoni u proċeduri ta' tkejjil u fejn il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, jikkonferma li skond l-istrumenti applikati u li jissemmew fid-dokumentazzjoni teknika dan ma jinqabiżx.

*Artikolu 4*

**Tqegħid fis-suq**

1. Tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq jew provduti f'servizz sakemm il-produttur, jew ir-rappreżentat awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, jassigura li:

— it-tagħmir jissodisfa l-bżonnijiet li jikkonċernaw l-emissjoni ta' ħoss fl-ambjent ta' din id-Direttiva,

— tlestew il-proċeduri ta' stima ta' konformitá msemmija fl-Artikolu 14,

— it-tagħmir ikollu mmarkar CE u l-indikazzjoni tal-livell ta' qawwa ta' ħoss garantit u jkollu miegħu dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE.

2. Billi la l-produttur u l-anqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu huwa mwaqqaf fil-Komunitá, l-obbligi ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għal kwalunkwe persuna li tqiegħed it-tagħmir fis-suq jew tipprovdihom f'servizz fil-Komunitá.

*Artikolu 5*

**Sorveljanza tas-suq**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jassiguraw li t-tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) jista' jitqiegħed fis-suq jew jkun provdut f'servizz biss jekk jikkonforma mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, ikollu l-marka CE u l-indikazzjoni tal-livell ta' qawwa ta' ħoss garantit u jkollu miegħu dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE.

▼B

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jassistu lill-xulxin fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom biex jagħmlu sorveljanza tas-suq.

*Artikolu 6*

**Moviment ħieles**

1. L-Istati Membri m' għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq jew provediment f'servizz fit-territorju tagħhom ta' tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) li jaqbel mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, li jkollu marka CE u l-indikazzjoni ta' livell ta' qawwa ta' ħoss garantit u jkollu miegħu dikjarazzjoni ta' konformitá KE.

2. F'fieri kummerċjali, esibizzjonijiet, dimostrazzjonijiet, u każi simili, l-Istati Membru, m' għandhomx jipprevjenu li jintwera tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) li ma jikkonformax mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, ipprovdut li sinjal ċar viżibbli jindika li tagħmir bħal dan ma jikkonformax u li mhuwiex imqiegħed fis-suq jew provdut f'servizz sakemm jinġieb f'konformitá mill-produttur jew ir-rappreżentat awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá. Matul dimostrazzjonijiet adegwati għandhom jittieħdu miżuri ta' sigurtá biex jassiguraw il-protezzjoni ta' persuni.

*Artikolu 7*

**Presunzjoni ta' konformitá**

L-Istati Membri għandhom iqisu li tagħmir imsemmija fl-Artikolu 2(1) li jkollu l-marka CE u l-indikazzjoni tal-livell ta' qawwa ta' ħoss garantit u li jkollu miegħu d-dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE li tikkonforma mad-disposizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 8*

**Dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE**

1. Il-produttur, jew ir-rappreżentat awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, ta' tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) għandu, sabiex jiċċertifika li oġġett ta' tagħmir huwa f'konformitá mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, jfasslu dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE għal kull tip ta' tagħmir prodott; il-kontenut minimu ta' din id-dikjarazzjoni ta' konformitá hu mniżżel fl-Anness II.

2. Stat Membru jista' jeħtieġ li d-dikjarazzjoni ta' konformitá tkun imfassla jew mibdula fil-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' Komunitá, determinati mill-Istat Membru meta tagħmir huwa mqiegħed fis-suq jew provdut f'servizz fit-territorju tiegħu.

3. Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, ta' tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) għandu jżomm kampjun tad-dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE għal 10 snin mid-data meta t-tagħmir kien prodott l-aħħar, flimkien mad-dokumentazzjoni teknika kif provduta minn Anness V punt 3, Anness VI punt 3, Anness VII punt 2, Anness VIII punt 3.1 u 3.3.

*Artikolu 9*

**Nuqqas ta' konformitá ta' tagħmir**

1. Fejn Stat Membru jaċċerta li tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) li huwa mqiegħed fis-suq jew provdut f'servizz ma jaqbilx mal-bżonnijiet

▼B

ta' din id-Direttiva, għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex il-produttur jew ir-rappreżentat awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá għandu jġib it-tagħmir tiegħu f'konformitá mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2. Fejn

(a) il-valuri limiti msemmija fl-Artikolu 12 jinqabżu; jew

(b) nuqqas ta' konformità mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkomplu minkejja miżuri meħuda taħt paragrafu 1;

l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jirrestrinġi jew jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq jew provediment f'servizz tat-tagħmir fi kwistjoni jew biex jassiguraw li huwa rtirat mis-suq. L-Istat Membru għandu immedjatament javża l-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra ta' miżuri bħal dawn.

3. Il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati malajr kemm jista' jkun. Fejn, wara konsultazzjoni bħal din, il-Kummissjoni ssib li:

— il-miżuri huma ġġustifikati, għandha immedjatament tavża l-Istat Membru li ħa l-inizjattiva u l-Istati Membri l-oħra,

— il-miżuri mhumiex iġġustifikati, għandhom immedjatament javżaw b'dan l-Istat Membru li ħa l-inizjattiva, l-Istati Membri l-oħra u l-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá.

4. Il-Kummissjoni għandha tassigura li l-Istati Membri jinżammu nformati bil-progress u dak li ħareġ minn din il-proċedura.

*Artikolu 10*

**Rimedji legali**

Kwalunkwe miżura meħuda minn Stat Membru skond din id-Direttiva li tirrestrinġi t-tqegħid fis-suq jew provediment f'servizz ta' tagħmir kopert minn din id-Direttiva għandha tistabilixxi r-raġuni eżatta fuq x'hiex hija bbażata Miżura bħal din meħuda għandha tkun notifikata malajr kemm jista' jkun lill-parti kkonċernata, li għandha f'dak l-istess ħin tkun informata bir-rimedji legali disponibbli għaliha taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat u tal-limiti ta' ħin għal liema rimedji bħal dawn huma suġġetti.

*Artikolu 11*

**Immarkar**

1. Tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) mqegħda fis-suq jew provduti f'servizz li jaqbel mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandu jkollhom marka ta' konformitá CE. Il-marka għandha tikkonsisti fl-inizjali "CE". Il-forma tal-marka li għandha tintuża hi kif murija fl-Anness IV.

2. Il-marka CE għandha tkun akkumpanjata mill-indikazzjoni tal-livell ta' qawwa ta' ħoss garantit. Mudell ta' din l-indikazzjoni hu mogħti fl-Anness IV.

3. Il-marka ta' konformitá KE u l-indikazzjoni tal-livell ta' qawwa ta' ħoss garantit għand tkun imwaħħla f'forma viżibbli, leġġibbli u li ma titħassarx ma' kull oġġett ta' tagħmir.

4. It-twaħħil ta' immarkar jew kitba fuq it-tagħmir li jistgħu jqarrqu dwar it-tifsira jew il-marka CE għall-indikazzjoni tal-livell ta' qawwa ta' ħoss garantit għandhom ikunu projbiti. Kwalunkwe mmarkar ieħor jista' jitwaħħal mat-tagħmir, jekk il-viżibilitá u l-leġġibbilitá tal-marka CE u l-indikazzjoni tal-livell ta' garanzija ta' qawwa ta' ħoss mhumiex b'hekk imnaqqsa.

▼B

5. Fejn it-tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) huwa suġġett għal direttivi oħra li jikkonċernaw aspetti oħra u li jipprovdu wkoll għat-twaħħil tal-marka CE, l-immarkar għandu jindika li tagħmir bħal dan iwettaq ukoll id-disposizzjonijiet ta' dawk id-direttivi. Madankollu, jekk waħda jew aktar minn dawn id-diretttivi jħallu l-produttur, matul il-perjodu transizzjonali biex jagħżel liema arranġamenti biex japplika, il-marka CE għandha tindika li t-tagħmir iwettaq biss id-disposizzjonijiet tad-direttivi applikati mill-produttur. F'dan il-każ il-partikolarijet ta' dawk id-direttivi, kif ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom jingħataw fid-dokumenti, avviżi u struzzjonijiet meħtieġa minn dawk id-direttivi u jakkumpanjaw tagħmir bħal dan.

*Artikolu 12*

**Tagħmir suġġett għal limiti ta' ħoss**

Il-livell ta' qawwa ta' ħoss garantit ta' tagħmir elenkat isfel m'għandux jaqbeż il-livell ta' qawwa ta' ħoss permissibbli kif imniżżel fit-tabelli ta' valuri limitati li ġejjin:

— taljoli ta' bennejja għat-trasport ta' oġġetti (li jaħdmu b'magna ta' kombustjoni)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 3. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 3

— magni ta' rbit flimkien (rombli li jivvibraw jew li ma jivvibrawx biss, pjanċi ta' vibraturi u, madaffi li jivibraw)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 8. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 8

— kompressuri (< 350 kW)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 9. Kejl: Anneess III, Parti B, oġġett 9

— tkissir u ġbir ta' konkri, ta' l-idejn

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 10. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 10

— taljoli ta' kostruzzjoni (jaħdmu b'magni ta' kombustjoni)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 12. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 12

— dożaturi (< 500 kW)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 16. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 16

— dumpers (< 500 kW)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 18. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 18

— skavaturi, idrawliċi jew li jaħdmu bil-ħabel (< 500 kW)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 20. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 20

— makkinarju ta' tagħbija ta' skavaturi (< 500 kW)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 21. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 21

— gradaturi (< 500 kW)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 23. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 23

— pakketti ta' qawwa idrawlika

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 29. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 29

— kompatturi ta' miżbla, tip ta' ħatt bil-barmil (< 500 kW)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 31. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 31

▼B

— magni li jaqtgħu l-ħaxix (li ma jinkludux tagħmir ta' l-agrikoltura jew tal-foresti, u strumenti għal ħafna għanijet, il-komponent prinċipali motorizzat li għandu installata qawwa ta' aktar minn 20 kW)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 32. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 32

— trimjaturi tal-ħaxix/trimjaturi ta' truf tal-ħaxix

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 33. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 33

— trakkijiet ta' rfigħ, li jaħdmu b'magna ta' kombustjoni, kontrabilanċjati (li ma jinkludux "trakkijiet ta' rfigħ oħra kontrabilanċjati") kif definiti fl-Anness I, oġġett 36, tieni inċiż b' kapaċitá ta' rata ta' mhux aktar minn 10 tunnellati metriċi

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 36. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 36

— makkinarju ta' tagħbija (< 500 kW)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 37. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 37

— krejnijiet li jistgħu jinġarru

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 38. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 38

— mgħażaq bil-mutur (< 3 kW)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 40. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 40

— finalizzaturi ta' toroq (li ma jinkluduxu finalizzaturi ta' toroq mgħammra b'biċċa ta' rbit flimkien għolja)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 41. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 41

— ġeneraturi ta' qawwa (< 400 kW)

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 45. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 45

— krejnijiet għolja

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 53. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 53

— ġeneraturi ta' weldjar

  *Definizzjoni:* Anness I, oġġett 57. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 57

▼M1

| Tip ta' tagħmir | Qawwa netta installata *P* (f'kW)<br>Qawwa elettrika $P_{el}$ f'kW (2)<br>Massa tat-tagħmir *m* f'kg<br>Wisgħa tal-qtugħ *L* f'ċm | Livell permissibbli tal-qawwa tal-ħoss f'dB/1 pW | |
|---|---|---|---|
| | | Stadju I mit-3 ta' Jannar 2002 | Stadju II mit-3 ta' Jannar 2006 |
| Magni għall-ikkompattar (rombli vibranti, pjanċi vibratorji, *rammers* vibratorji) | P ≤ 8 | 108 | 105 (2) |
| | 8 < P ≤ 70 | 109 | 106 (2) |
| | P > 70 | 89 + 11 lg P | 86 + 11 lg P (3) |
| Dożers fuq iċ-ċinturini, tagħmir għat-tagħbija fuq iċ-ċinturini, Tagħmir għat-tagħbija u għat-tħaffir fuq iċ-ċinturini | P ≤ 55 | 106 | 103 (2) |
| | P > 55 | 87 + 11 lg P | 84 + 11 lg P (3) |
| Dożers bir-roti, apparat għat-tagħbija bir-roti, apparat għat-tagħbija u għat-tħaffir bir-roti, *dumpers, graders, loader-type landfill compactors*, trakkijiet bil-lift kontrobilanċjati li | P ≤ 55 | 104 | 101 (2) (3) |
| | P > 55 | 85 + 11 lg P | 82 + 11 lg P (3) (2) |

▼M1

| Tip ta' tagħmir | Qawwa netta installata *P* (f'kW)<br>Qawwa elettrika $P_{el}$ f'kW (1)<br>Massa tat-tagħmir *m* f'kg<br>Wisgħa tal-qtugħ *L* f'ċm | Livell permissibbli tal-qawwa tal-ħoss f'dB/1 pW | |
|---|---|---|---|
| | | Stadju I mit-3 ta' Jannar 2002 | Stadju II mit-3 ta' Jannar 2006 |
| jaħdmu bil-magna tal-kombustjoni, krejnijiet mobbli, magni għall-ikkompattar (rombli mhux vibranti), *paver-finishers, hydraulic power packs* | | | |
| Apparat għat-tħaffir, paranki tal-bennejja għat-trasport ta' oġġetti, vinċijiet għall-bini, mgħażqat bil-mutur | $P \leq 15$ | 96 | 93 |
| | $P > 15$ | $83 + 11 \lg P$ | $80 + 11 \lg P$ |
| Breakers tal-konkrit u fisien ta' l-idejn | $m \leq 15$ | 107 | 105 |
| | $15 < m < 30$ | $94 + 11 \lg m$ | $92 + 11 \lg m$ (1) |
| | $m \geq 30$ | $96 + 11 \lg m$ | $94 + 11 \lg m$ |
| Krejnijiet bit-torri | | $98 + \lg P$ | $96 + \lg P$ |
| Ġeneraturi għall-welding u għall-kurrent | $P_{el} \leq 2$ | $97 + \lg P_{el}$ | $95 + \lg P_{el}$ |
| | $2 < P_{el} \leq 10$ | $98 + \lg P_{el}$ | $96 + \lg P_{el}$ |
| | $10 > P_{el}$ | $97 + \lg P_{el}$ | $95 + \lg P_{el}$ |
| Kumpressuri | $P \leq 15$ | 99 | 97 |
| | $P > 15$ | $97 + 2 \lg P$ | $95 + 2 \lg P$ |
| Tagħmir li jaqta' l-ħaxix, tagħmir li jittrimmja l-ħaxix/tagħmir li jittrimmja l-borduri tal-ħaxix | $L \leq 50$ | 96 | 94 (2) |
| | $50 < L \leq 70$ | 100 | 98 |
| | $70 < L \leq 120$ | 100 | 98 (2) |
| | $L > 120$ | 105 | 103 (2) |

(1) $P_{el}$ għal Ġeneraturi tal-Welding: Il-kurrent konvenzjonali tal-welding immultiplikat bil-vultaġġ ta' tagħbija konvenzjonali għall-inqas valur tad-*duty factor* mogħti mill-manifattur.
$P_{el}$ għal Ġeneraturi tal-Kurrent: Il-*prime power* skond ISO 8528-1:1993, klawsola 13.3.2

(2) Il-figuri għall-istadju II huma indikattivi biss għat-tipi ta' tagħmir li ġejjin:
- rombli vibranti operati bil-mixi;
- pjanċi vibratorji (> 3kW);
- rammers vibratorji;
- Dożers (li jimxu fuq ċinturini ta' l-azzar);
- tagħmir għat-tagħbija (li jimxi fuq ċinturini ta' l-azzar > 55kW);
- trakkijiet bil-lift kontrobilanċjati li jaħdmu bil-magna tal-kombustjoni;
- *Compacting screed paver-finishers;*
- *breakers* tal-konkrit u fisien ta' l-idejn li jaħdmu bil-magna tal-kombustjoni interna ($15 < m < 30$);
- Tagħmir li jaqta' l-ħaxix, u tagħmir li jittrimmja l-ħaxix/tagħmir li jittrimmja l-borduri tal-ħaxix.

Il-figuri definittivi jiddependu fuq l-emenda tad-Direttiva b'segwitu għar-Rapport previst fl-Artikolu 20(1). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe emenda bħal din, il-figuri għall-istadju I jibqgħu japplikaw għall-istadju II.

(3) Għal krejnijiet b'magna waħda, il-figuri ta' l-istadju I għandhom ikomplu japplikaw sat-3 ta' Jannar 2008. Wara dik id-data, għandhom japplikaw il-figuri ta' l-Istadju II.

Il-livell permissibbli ta' qawwa tal-ħoss għandha titqarreb 'il fuq jew l-isfel għall-eqreb integru (inqas minn 0,5, uża n-numru ta' qabel; ikbar minn, jew daqs 0,5, uża n-numru ta' wara).

▼B

*Artikolu 13*

**Tagħmir suġġett għal immarkar ta' ħoss biss**

Il-livell ta' qawwa ta' ħoss garantit ta' tagħmir elenkat hawn taħt għandu jkun suġġett għal immarkar ta' ħoss biss:

— pjattaformi ta' aċċess ta' l-arja b'magna ta' kombustjoni

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 1. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 1

— qtugħ ta' *brush*

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 2. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 2

— taljoli ta' bennejja għat-trasport t'oġġetti (b'mutur ta' l-elettriku)

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 3. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 3

— magni ta' serrar ta' faxxa ta' lok ta' bini

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 4. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 4

— bankijiet ta' serrar ċirkolari ta' lok ta' bini

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 5. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 5

— serrar b'katina, li jinġarru

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 6. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 6

— vetturi ta' *flushers* u ta' ġbid bi pressjoni għolja kkombinata

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 7. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 7

— magni li jorbtu flimkien (maddafa li jisplodu biss)

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 8. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 8

— taħlit ta' konkrit jew ġir tat-tikħil

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 11. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 11

— winċijiet ta' kostruzzjoni b'mutur ta' l-elettriku)

*Definizzjoni: Anness I, oġġett 12. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 12*

— magni għat-twassil u sprejjar għal konkrit u ġir ta' tikħil

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 13. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 13

— ċintorini ta' ġarr

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 14. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 14

— tagħmir ta' tkessiħ f'vetturi

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 15. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 15

— riggijiet ta' tħaffir

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 17. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 17

— tagħmir għal tagħbija u ħatt ta' *silos* jew tankijiet fuq trakkijiet

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 19. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 19

— konteNituri ta' riċiklar ta' ħġieġ

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 22. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 22

— trimjaturi tal-ħaxix/trimjaturi tat-tarf tal-ħaxix

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 24. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 24

— trimjaturi tal-ħajt ta' l-għalqa

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 25. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 25

▼B

— *flushers* bi pressjoni għolja

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 26. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 26

— magni ta' ġettijiet ta' l-ilma bi pressjoni għolja

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 27. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 27

— martelli idrawliċi

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 28. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 28

— qtugħ ta' ġonot

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 30. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 30

— neffieħa tal-werqa

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 34. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 34

— kolletturi tal-weraq

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 35. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 35

— trakkijiet ta' rfigħ, li jaħdmu b'magna ta' kombustjoni, kontrabilanċjati (li ma jinkludux trakkijiet ta' rfigħ oħra kontrabilanċjati) kif definiti fl-Anness I, oġġett 36, tieni inċiż b'kapaċitá ta' rata ta mhux aktar minn 10 tunnellati metriċi

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 36. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 36

— kontenituri ta' skart mobbli

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 39. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 39

— finalizzaturi ta' toroq (mgħammra bi biċċa ta' kompressjoni għoli)

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 41. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 41

— tagħmir ta' rfigħ fuq xulxin

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 42. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 42

— tqegħid ta' pajp

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 43. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 43

— piste caterpillars

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 44. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 44

— ġeneraturi ta' qawwa (= 400 kW)

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 45. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 45

— xkupi ta' qawwa

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 46. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 46

— vetturi ta' kollezzjoni ta' skart

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 47. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 47

— magni ta' tħin ta' toroq

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 48. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 48

— scarifiers

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 49. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 49

— shredders/chippers

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 50. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 50

— magni li jneħħu l-borra b'għodda li ddur (taħdem b'mutur proprju, li ma jinkludux twaħħil)

▼B

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 51. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 51

— vetturi ta' ġbid

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 52. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 52

— trenchers

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 54. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 54

— trakkijiet ta' taħlit

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 55. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 55

— unitajiet ta' pompa ta' l-ilma (mhux għall-użu ta' taħt l-ilma)

*Definizzjoni:* Anness I, oġġett 56. Kejl: Anness III, Parti B, oġġett 56

*Artikolu 14*

**Stima ta' konformitá**

1. Qabel iqiegħed fis-suq jew jipprovdi f'servizz kwalunkwe tagħmir imsemmi fl-Artikolu 12 il-produttur, jew il-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jissuġġetta għal kul tip ta' tagħmir għal dak tal-proċeduri ta' stima ta' konformitá li ġejjin:

— il-kontroll intern ta' produzzjoni bi stima ta' dokumentazzjoni teknika u proċedura ta' kontroll perjodiku msemmi fl-Anness VI, jew

— l-unitá ta' proċedura ta' verifika msemmija fl-Anness VII, jew

— il-proċedura ta' assigurazzjoni ta' kwalitá sħiħa msemmija fl-Anness VIII.

2. Qabel iqiegħed fis-suq jew jipprovdi f'servizz kwalunkwe tagħmir imsemmi fl-Artikolu 13 il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jissuġġetta għal kul tip ta' tagħmir għal kontroll intern ta' proċedura ta' produzzjoni msemmija fl-Anness V:

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-Kummissjoni u kull Stat Membru ieħor jistgħu, fuq talba raġonevoli, jiksbu l-informazzjoni kollha wżata matul il-proċedura ta' stima ta' konformitá dwar tip ta' tagħmir u b'mod partikolari d-dokumentazzjoni teknika provduta fl-Anness V oġġett 2, Anness VI oġġett 3, Anness VII oġġett 2, Anness VIII oġġett 3.1 u 3.3.

*Artikolu 15*

**Korpi notifikati**

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korpi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom biex iwettqu jew jissorveljaw il-proċeduri ta' stima ta' konformitá msemmija fl-Artikolu 14(1).

2. L-Istati Membri għandhom jaħtru korpi bħal dawn biss li jħarsu l-kriterji magħmula fl-Anness IX. Il-fatt li dak il-korp iħares il-kriterji ta' l-Anness IX ma' din id-Direttiva ma jfissirx li l-Istat Membru huwa obbligat li jaħtar dak il-korp.

3. Kull Stat Membru għandu javża lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra tal-korpi li ħatru, flimkien ma' xogħlijiet oħra speċifiċi u proċeduri ta' eżaminazzjoni li dawn il-korpi inħatru biex iwettqu u n-numri ta' identifikazzjoni assenjati lilhom minn qabel mill-Kummissjoni.

▼B

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-korpi notifikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* flimkien man-numri ta' identifikazzjoni tagħhom u x-xogħlijiet għal liema inħatru. Il-Kummissjoni għandha tassigura li l-lista tinżamm aġġornata.

5. Stat Membru għandu jirtira n-notifika tiegħu jekk isib li l-korp m'għadux jilħaq il-kriterji msemmija fl-Anness IX. Għandhom fil-pront jinfurmaw il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra kif xieraq.

*Artikolu 16*

**Kollezzjoni ta' tagħrif ta' ħoss**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jassiguraw li l-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jibgħat lill-awtoritá responsabbli ta' l-Istat Membru fejn qiegħed joqgħod jew fejn ipoġġi fis-suq jew jqiegħed f'servizz it-tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2 (1) u għall-Kummissjoni kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE għal kull tip ta' tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2 (1).

2. Il-Kummissjoni għandha tiġbor it-tagħrif magħmul disponibbli skond il-paragrafu 1 għat-tagħmir kollu.

3. L-Istati Membri, jistgħu, fuq talba, jiksbu t-tagħrif miġbur mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni relevanti perjodikament, preferibbilment kull sena. Dawn il-pubblikazzjonijiet għandhom ta' l-inqas ikollhom it-tagħrif li ġej għal kull tip jew mudell ta' tagħmir:

— il-qawwa stallata netta jew kull valur ta' ħoss ieħor relatat

— il-livell ta' qawwa ta' ħoss mkejjel

— il-livell ta' qawwa ta' ħoss garantit

— deskrizzjoni ta' tagħmir

— produttur u/jew isem patentjat

— numru/isem ta' mudell

*Artikolu 17*

**Regolament ta' użu**

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx jipprevjenu l-intitolament ta' l-Istati Membri biex iniżżel, bl-osservanza dovuta tat-Trattat:

— miżuri biex jirregolaw l-użu ta' tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) f'żoni li huma jikkunsidraw sensittivi, li jinkludu l-possibbilitá li jirrestrinġu l-ħinijiet ta' xogħol tat-tagħmir,

— bżonnijiet bħal dawn kif jistgħu jitqiesu neċessarji biex jassiguraw li persuni huma protetti meta jużaw it-tagħmir fi kwistjoni, iżda li dan ma jfissirx li t-tagħmir huwa modifikat f'mod mhux speċifikat f'din id-Direttiva.

▼B

*Artikolu 18*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.

▼M3

__________

▼M2

__________

▼M3

*Artikolu 18a*

**Emendi għall-Anness III**

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18b li jemendaw l-Anness III sabiex jiġi adattat għall-progress tekniku. Dawk l-atti delegati ma għandu jkollhom ebda impatt dirett fuq il-livell imkejjel tal-potenza akustika tat-tagħmir elenkat fl-Artikolu 12, b'mod partikolari permezz tal-inklużjoni ta' referenzi għall-istandards Ewropej rilevanti.

*Artikolu 18b*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 18a għal perijodu ta' żmien ta' ħames snin mis-26 ta' Lulju 2019. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport b'rabta mad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonax għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 18a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]).

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

▼B

*Artikolu 19*

**Poteri tal-Kumitat**

Il-Kumitat għandu':

(a) jiskambja informazzjoni u esperjenzi li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni prattika ta' din id-Direttiva u jiddiskuti materji ta' interess komuni f'dawk l-oqsma;

▼M3

__________

▼B

(ċ) jipprovdi parir lill-Kummissjoni b'rispett għall-konlużjonijiet u emendi msemmija fl-Artikolu 20(2).

*Artikolu 20*

**Rapporti**

1. ►M1 Mhux aktar tard mit-3 ta’ Jannar 2007 ◄ u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jikkonċerna l-esperjenza tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni u amministrazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jkollu fih:

(a) reviżjoni ta' tagħrif ta' ħoss miġbur skond l-Artikolu 16 u informazzjoni oħra xierqa;

(b) prospett tal-bżonn għal reviżjoni tal-listi fl-Artikoli 12 u 13, speċjalment kemm jekk huma ġodda għandhom jiżdiedu jew fl-Artikolu 12 jew fl-Artikolu 13 jew tagħmir għandu jkun trasferit mill-Artikolu 13 għall-Artikolu 12;

(ċ) prospett tal-bżonn u l-possibilitajiet għal reviżjoni tal-valuri limitati mniżżla fl-Aritikolu 12 jieħdu nkonsiderazzjoni żvilupp teknoloġiku;

(d) prospett li jagħmel sensiela integrata ta' strumenti li għandhom jintużaw fil-kontinwazzjoni ta' tnaqqis ta' ħoss minn tagħmir.

2. Wara li żammew il-konsultazzjonijiet kollha neċessarji, b'mod partikolari mal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha f'dik l-okkażjoni tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha u fejn xieraq kwalunkwe emenda għal din id-Direttiva.

▼M1

__________

▼B

*Artikolu 21*

**Imħassar**

1. Direttivi 79/113/KEE, 84/532/KEE, 84/533/KEE, 84/534/KEE, 84/535/KEE, 84/536/KEE, 84/537/KEE, 84/538/KEE u 86/662/KEE għandhom ikunu mħassra fit-3 ta'Jannar 2002.

2. Ċertifikati tat-tip ta' eżaminazzjoni maħruġa u tkejjil ta' tagħmir magħmul taħt id-Direttivi msemmija f'paragrafu 1 jistgħu jintużaw fit-tfassil ta' dokumentazzjoni teknika pprovdut fl-Anness V punt 3, fl-Anness VI punt 3, fl-Anness VII punt 2, fl-Anness VIII punti 3.1 u 3.3 ta' din id-Direttiva.

▼B

*Artikolu 22*

**Trasposizzjoni u data ta' l-applikazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jaddottaw u jippubblikaw il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jaqblu ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-3 ta' Lulju 2001.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-miżuri b'effett mit-3 ta' Jannar 2002. Madankollu, l-Istati Membri għandhom iħallu l-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, biex japprofitta ruħu mid-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva mit-3 ta' Lulju 2002.

3. Rigward il-livell ta' qawwa ta' ħoss permissibbli mnaqqsa ta' stadju II imsemmija fl-Artikolu 12, dawn id-disposizzjonijiet għandhom japplikaw b'effett mit-3 ta' Jannar 2006.

4. Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni ta' pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li jagħmlu referenza bħal din għandhom jitniżżlu mill-Istati Membri.

5. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ta' liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 23*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

*Artikolu 24*

**Destinatarji tad-Direttiva**

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*IL-PRESIDENTANNESS I*

## DEFINIZZJONIJIET TA' TAGĦMIR

1. **Pjattaformi ta' aċċess ta' l-arja b' magni ta' kombustjoni**

Tagħmir li jikkonsisti f'minimu ta' pjattaforma ta' xogħol, struttura estiża u xażi. Il-pjattaforma ta' xogħol hija pjattaforma mdawwra b'ħajt jew gaġġa li tista' timxi taħt tagħbija għall-posizzjoni meħtieġa ta' xogħol. L-istruttura estiża hija konnessa max-xażi u tgħin il-pjattaforma ta' xogħol; tħalli moviment tal-pjattaforma ta' xogħol għal-posizzjoni meħtieġa tagħha.

2. **Qtugħ bi xkupilja**

Unitá li taħdem b'magna ta' kombustjoni bl-idejn portabbli mwaħħla b'xafra li ddur magħmula minn metal jew plastik maħsuba biex taqta' ħaxix ħażin, tfarfar, siġar żgħar u tkabbir simili. Il-mezz ta' qtugħ jaħdem fi pjan bejn wieħed u ieħor parallel ma' l-art.

3. **Taljola ta' bennejja għat-trasport ta' oġġetti**

Taljola ta' bennejja nstallata temporanjament, taħdem b'qawwa maħsuba għall-użu minn persuni li huma permessi li jidħlu f'lokijiet ta' inġenjerija u kostruzzjoni, jservu

(i) livelli ta' moll definiti, li jkollhom pjattaformi

— iddisinjati għat-trasportazzjoni ta' oġġetti biss

— li jippermettu l-aċċess ta' persuni waqt tagħbija u ħatt

— li jippermettu l-aċċess u vjaġġ minn persuni awtorizzati matul it-twaqqif, ħatt u manutenzjoni

— iggwidati

— jivjaġġaw vertikali jew tul passaġġ fi ħdan 15$^{o}$ mass. tal-vertikali

— appoġġat jew sostenuti b': wajer, ħabel, katina, magħżel bil-kamin u skorfina, roti żgħar bis-snien, ġakk idrawliku (dirett jew indirett), jew mekkaniżmu ta' rbit li jespandi

— fejn arbli jistgħu jew ma jistgħux jeħtieġu għajnuna minn strutturi separati, jew

(ii) kwalunkwe indana waħda ta' fuq jew żona ta' xogħol li testendi għal skop tal-gwida (eż bejt), li jkollhom mezz ta' ġarr ta' tagħbija:

— mfassla għat-trasportazzjoni ta' oġġetti biss

— mfassla li ma hemmx bżonn li tirfes fuqha għal raġunijet ta' tagħbija jew ħatt jew għal manutenzjoni, twaqqif jew ħatt

— minn liema persuni huma projbiti fi kwalunkwe ħin

— iggwidati

— li hija mfassla biex tivjaġġa f'angolu ta' l-inqas 30$^{o}$ għall-vertikali imma tista' tintuża fi kwalunkwe angolu

— miżmuma b'ħabel ta' wajer ta' l-azzar u sistema ta' gwida pożittiva

— ikkontrollata b'kontrolli ta' tip ta' pressjoni kostanti

— li ma tibbenefikax mill-użu ta' kwalunkwe kontrapiż

— li jkollu rata massima ta' tagħbija ta' 300 kg

— li jkollu veloċitá massima ta' 1 m/s

▼B

— u fejn il-gwidi jeħtieġu għajnuna minn strutturi separati.

4. **Magna ta' serrar f'faxxa ta' lok ta' bini**

Magna ta' l-idejn li tiżen anqas minn 200 kg li għandha mwaħħal xafra ta' sega singola fil-forma ta' faxxa kontinwa mmuntata jew li tgħaddi bejn tnejn jew aktar taljoli

5. **Banka ta' serrar ċirkulari ta' lok ta' bini**

Magna ta' l-idejn li tiżen anqas minn 200 kg li għandha mwaħħal fiha sega singola tonda (għajr minn sega li taqta') b'dijametru ta' 350 mm jew aktar, sa dijametru massimu ta' 500 mm, li hi mwaħħla matul operazzjoni ta' qtugħ normali, u mejda orizzontali, kollha jew parti ta' liema hija mwaħħla matul operazzjoni. Is-sega hija mmuntata f'magħżel orizzontali li ma jitgħawwiġx, ta' liema l-posizzjoni tibqa' stazzjonarja matul mekkaniżmu. Il-magna jista' jkollha kwalunkwe mill-għamliet li ġejjin:

— il-faċilitá għas-sega li tista' titella' jew titniżżel tul il-mejda

— gwarniċ ta' magna taħt il-mejda jista' jkun miftuħ jew magħluq

— is-serrieq jista' jkun imwaħħal b'mejda żejda li tista' tinġarr li taħdem manwalment (mhux ħdejn is-sega).

6. **Sega ta' katina, portabbli**

Għodda li taħdem bil-qawwa mfassla biex taqta' injam b'sega ta' katina u tikkonsisti f'unitá marsusa integrata ta' manki, sors ta' qawwa u attakkament ta' qtugħ, imfassal biex ikun mgħajjun b'żewġ idejn

7. ***Flusher* bi pressjoni għolja kkombinata u vettura li tiġbed**

Vettura li tista' taħdem kemm bħala *flusher* bi pressjoni għolja jew bħala vettura li tiġbed Ara *flusher* bi pressjoni għolja jew vettura li tiġbed.

8. **Magna li tgħaqqad flimkien**

Magna li tgħaqqad flimkien materjali eż. *rock fills,* ħamrija jew wiċċ ta' asfalt, tul azzjoni ta' brim, mili jew vibrar ta' l-għodda ta' xogħol. Tista' tkun taħdem b'mutur proprju, irmunkata, timxi wara jew konnessa ma' magna li ġġor. Magni li jgħaqqdu flimkien huma maqsuma kif ġej:

— rombli għal operaturi li jinġarru fuqhom: magni li jgħaqqdu flimkien li jaħdmu b'mutur proprju b'korp ċilindriku tal-metall (tnabar) wieħed jew aktar jew roti tal-lasktu; l-istazzjon ta' l-operatur huwa parti integrali tal-magna

— rombli li jimxu wara: magni li jgħaqqdu flimkien li jaħdmu b'mutur proprju b'korp ċilindriku tal-metall (tnabar) wieħed jew aktar jew roti tal-lastku li fihom l-operazzjoni tiffaċilita għall-ivjaġġar, *steering*, waqfien u vibrar huma disposti f'mod li l-magni jkollhom ikunu operati b'operatur fuq il-post jew b'kontroll remot

— rombli rmunkatid: magni li jgħaqqdu flimkien li jaħdmu b'mutur proprju b'korp ċilindriku tal-metall (tnabar) wieħed jew aktar jew roti tal-lastku li ma jkollhomx sistema ta' sewqan indipendenti u fejn l-istazzjon ta' l-operaturi jinsab f'unitá ta' *tractor*

— pjanċi ta' vibraturi u maddafa ta' vibraturi: magni ta' tgħaqid flimkien bi pjanċi prinċipali b'qiegħ ċatt li huma magħmula biex jivvibraw jitħaddmu b' operaturi fuq il-post jew konness ma' magna li tinġarr

— madaffa ta' splużjoni: magni li jgħaqqdu flimkien bi prinċipalment kuxxi-nett ċatt hekk kif l-għodda li tgħaqqad li hija magħmula biex timxi f'direzzjoni predominanti vertikali bi pressjoni ta' splużjoni. Il-magna għandha taħdem b'operaturfuq il-post.

▼B

9. **Kompressur**

Kwalunkwe magna għall-użu ma' tagħmir li jista' jinbidel li tikkumpressa arja, gassijiet jew fwar għal pressjoni għola mill-pressjoni tad-dħul. Kompressur ikun fih il-kompressur fih nnifsu, il-ħarrieka prinċipali u kwalunkwe komponent jew mezz fornut, li huwa neċessarju għall-operazzjoni sikura tal-kompressur.

Mhux inklużi huma l-kategoriji ta' mezzi li ġejjin:

— fannijiet, i.e. mezzi li jipproduċu ċirkolazzjoni ta' arja bi pressjoni pożittiva ta' mhux aktar minn 110 000 pascals

— pompi ta' vakum, i.e. mezzi għal estrazzjoni ta' arja minn spazju magħluq bi pressjoni li ma taqbiżx pressjoni atmosferika

— magni b'turbini tal-gass.

10. **Tkissir u ġbir ta' konkrit, ta' l-idejn**

Tkissir u ġbir ta' konkrit bil-qawwa (bi kwalunkwe metodu) użat biex isir xogħol fuq postijiet ta' inġenjerija ċivili u bini.

11. **Mixer ta' konkrit jew ġir tat-tikħil**

Magna biex tipprepara konkrit jew ġir tat-tikħil, barra minn proċess ta' tagħbija, taħlit u żvojtar. Tista' titħaddem b'mod intermittenti jew kostanti. *Mixer* tal-konkrit fuq trakkijiet huma msejħa trakk ta' *mixer* (ara definizzjoni 55).

12. **Taljola ta' kostruzzjoni**

Mezz ta' rfigħ li jaħdem bil-qawwa, temporanjament installat li huwa fornut b'mezzi biex jerfgħu u jbaxxu tagħbija sospiża.

13. **Magna ta' ġarr u sprejar għal konkrit u ġir tat-tikħil**

Oġġetti ta' pumpjar u sprejar ta' konkrit, bl-aġitatur jew mingħajru, bil-materjal li għandu jkun trasportat huwa mqandel għal posizzjoni ta' post tul linji ta' pajpijiet, mezzi ta' distribuzzjoni jew travi kbar ta' distribuzzjoni. Isir il-ġarr:

— għall-konkrit b'mod mekkaniku, biċ-ċilindru jew b'pompi li jduru

— għal ġir tat-tikħil mekkanikament b'ċilindru qasir, spiral ta' vit, pajp u pompi li jduru jew pnewmatiċi b' kompressuri bil-kamra ta' l-arja jew mingħajrha

Dawn il-magni jistgħu jkunu mmuntati fuq trakkijiet, trejlers jew vetturi speċjali

14. **Ċinturin tal-ġarr**

Magna nstallata temporanjament addattata biex titrasporta materjal b'mezzi ta' ċinturin li jaħdmu bil-qawwa

15. **Tagħmir fuq vetturi li jkessaħ**

Unitá bi spazju ta' refriġerazzjoni għal tagħbija f'kategoriji ta' vetturi N2, N3, O3 u O4 kif definiti fid-Direttiva 70/156/KEE.

L-unitá ta' refriġerazzjoni tista' tkun bil-qawwa b'mezzi ta' parti integrali ta' l-unitá ta' refriġerazzjoni, parti separata attakkata mal-korp tal-vettura, magna ta' sewqan tal-vettura, jew b'sors ta' poter indipendenti jew *standby*.

16. **Dożatur**

Magna li taħdem b'mutur proprja bir-roti jew li titkaxkar użata biex teżerċita forza ta' spinta jew ta' ġibda tul tagħmir immuntat.

▼B

17. **Manuvra ta' tħaffir**

Magna li hija wżata biex tħaffer toqob f'postijiet ta' kostruzzjoni bi

— tħaffir perkussiv

— tħaffir li jdur

— tħaffir perkussiv li jdur.

Manuvri tat-tħaffir huma stazzjonarji matul tħaffir. Jistgħu jiċċaqalqu minn post għall-ieħor ta'xogħol, taħt il-qawwa tagħhom. Riggijiet ta' tħaffir li jaħdmu b'mutur proprju li jinkludu dawk immuntati fuq trakk tal-ġarr, xażi bir-roti, tractor, *crawlers*, qiegħ li jiskiddja (miġbuda b'winċ). Meta riggijiet tat-tħaffir huma mmuntati fuq trakkijiet tal-ġarr, *tractors* u trejlers jew qiegħ bir-roti, trasportazzjoni tista' ssir b'veloċitá għolja u fuq toroq pubbliċi.

18. **Dumper**

Magna li taħdem b'mutur proprju bir-roti jew li tista' titkakxar li għandha korp miftuħ, li jew titrasporta u tarmi jew tferrex materjal *Dumpers* jistgħu jkunu mgħammra b'tgħamir ta' tagħbija minnnha nnifisha integrali.

19. **tagħmir għal tagħbija u ħatt ta' *silos* jew tankijiet fuq trakkijiet**

Mezzi bil-qawwa konnessi ma' *silo* jew trakkijet ta' tanker għal tagħbija jew ħatt ta' likwidi jew materjal goff b'mezzi ta' pompi jew tgħamir simili.

20. **Skavatur, idrawliku jew jaħdem bil-ħabel**

Magna li taħdem b'mutur proprju b'magna li tista' titkaxkar jew bir-roti li jkollha struttura ta' fuq b'kapaċità minima ta' rotazzjoni ta' 360°, li jħaffer, ibandal u jarmi materjal bl-azzjoni ta' barmil imwaħħal mat-travu u appoġġ jew travu teleskopiku, mingħajr ma jimxi x-xażi jew karru ta' taħt matul kwalunkwe ċiklu tal-magna.

21. **Skavatur li jgħabbi**

Magna li taħdem b'mutur proprju bir-roti jew li titkaxkar li jkollha għajnuna strutturali prinċipali mfassla biex iġġorr barmil immuntat fuq quddiem li jġorr mekkaniżmu u mgħażqa mmuntat fuq wara. Meta wżat bħala mod tal-magħżqa fuq wara, il-magna normalment tħaffer taħt il-livell ta' l-art bil-barmil jersaq lejn il-magna L-imgħażqa ta' wara terfa', tbandal u tħott materjal waqt li l-magna hija stazzjonarja. Meta wżata fil-mod ta' tgħabija, il-magna tgħabbi jew tħaffer tul moviment il-quddiem tal-magna, u terfa', titrasporta u tħott materjal.

22. **Kontenitur ta' skart tal-ħġieġ**

Kontenitur, magħmul minn liema materjal ikun, li huwa wżat għal ġbir ta' fliexken. Huwa mgħammar b' ta' l-inqas fetħa waħda biex jimla' fliexken u oħra biex jitbattal il-kontenitur.

23. **Gradatur**

Magna bir-roti li taħdem b'mutur proprju li jkollha xafra aġġustabbli, posizzjonata bejn il-fusijiet ta' quddiem u ta' wara, li taqta', tmexxi u tifrex materjal ġeneralment biex tiggrada bżonnijiet.

24. ***Trimmer* tal-ħaxix/*trimmer* tat-tarf tal-ħaxix**

Unitá portabbli li taħdem b'magna ta' kombustjoni ta' l-idejn armata b'linji flessibbli, spag, jew elementi ta' qtugħ flessibbli mhux tal-metall, bħal *cutters* li jduru, maħsuba biex jaqtgħu ħaxix ħażin, ħaxix jew tkabbir artab ieħor. Il-mezz ta' qtugħ topera fi pjan bejn wieħed u ieħor parallel (*trimmer* tal-ħaxix) jew wieqaf dritt (*trimmer* tal-ħaxix tat-tarf) ma' l-art.

▼B

25. ***Trimmer* ta' ħajt tal-ħaxix**

Tagħmir integrali ta' l-idejn, li jaħdem bil-qawwa li huwa mfassal għall-użu minn operatur wieħed għal trimmjar ta' ħajt tal-ħaxix u siġar iffulati jutilizza xafra waħda jew aktar xfafar jaqtgħu lineari reċiprokament.

26. ***Flusher* ta' pressjoni għolja**

Vettura mgħammra b'mezz biex inaddaf kanali tad-dranaġġ jew installazzjonijiet simili b'mezzi ta' ġett ta' l-ilma bi pressjoni għolja. Il-mezz jista' jkun jew immuntat fuq xażi tat-trakk proprju ta' vettura jew inkorporat fuq korp ta' xażi tiegħu stess. It-tagħmir jista' jitwaħħal jew jista' jerġa jimmonta bħal fil-każ ta' sistema ta' qafas li tinbidel

27. **Magna ta' ġett ta' l-ilma bi pressjoni għolja**

Magna b'żennuni jew ftuħ ta' żieda fil-veloċitá oħra li jħallu ilma, kif ukoll taħlit ieħor, biex joħroġ barra bħala ġett ħieles. Ġeneralment, magni b'ġett ta' pressjoni għolja jikkonsistu f'sewqan, ġeneratur ta' pressjoni, linji ta' pajpijiet, mezzi ta' sprejar, mekkaniżmi ta' sigurtá, kontrolli u mezzi ta' kejl. Magni b'ġett ta' l-ilma bi pressjoni għolja jistgħu jkunu mobbli jew stazzjonarji:

— magni b'ġett ta' l-ilma bi pressjoni għolja mobbli huma mobbli, magni tajba għat-trasport li huma mfassla biex jintużaw f'lokalitajiet varji, u għal dan l-għan huma ġeneralment imwaħħla b'*undergear* tal-magna stess jew vettura mmontata. Il-linji ta' forniment kollha neċessarji huma flessibli u lesti biex jinħallu

— magni b'ġett ta' l-ilma bi pressjoni għolja stazzjonarji huma mfassla biex jintużaw f'post wieħed għal tul ta' żmien imma kapaċi biex jitmexxew għal post ieħor b'tagħmir addattat. Ġeneralment jiskidjaw jew mmuntati bi frejm b' linja ta' forniment tajjeb biex jinqala'.

28. **Martell idrawliku**

Tagħmir li juża s-sors ta' qawwa idrawlika tal-magna li tinġarr biex jaċċellera ċilindru (xi drabi mgħejjun bil-gass), li imbagħad jolqot għodda. Il-mewġa ta' stress iġġenerata b'azzjoni li tirriżulta minn mozzjoni tgħaddi tul l-għodda, li tikkawża l-materja biex jinkiser. Martell idrawliku għandu bżonn forniment ta' żejt ippressat biex jaħdem. L-unitá ta' martell/trasportatur komplut hija kkontrollata b'operatur, ġeneralment ipoġġi fil-kabina tat-trasportatur.

29. **Pakkett ta' qawwa idrawlika**

Kwalunkwe magna għall-użu ma' tagħmir li jista' jinbidel li jikkumpressa likwidi għal pressjoni aktar għolja mill-pressjoni ta' ġewwa. Dan ifisser assemblea ta' ħarrieka prinċipali, pompa, bir-riservwar jew mingħajru u aċċessorji (eż. kontrolli, *valve* li jissoleva pressjoni).

30. **Joint cutter**

Magna mobbli maħsuba għall-produzzjoni ta' ġonot f'konkrit, asfalt u wċuħ ta' toroq simili. L-għodda li taqta' hija diska li ddur b'veloċitá għolja. Il-moviment ‘l quddiem tal-*joint cutter* tista' tkun

— manwali

— manwali b'assistenza mekkanika

— motorizzata.

▼B

31. **Magna li tikkompressa skart, tip ta' karikatur bil-barmil**

Magna li tikkumpressa bir-roti li taħdem b'mutur proprju li jkolla karikatur immuntat fuq quddiem marbut b'barmil li jkollu roti ta' l-azzar (tnabar) primarjament mfassla biex irossu, jimxu, jiggradaw, u jgħabbu ħamrija, skart jew materjal sanitarju (skart).

32. **Magna li taqta' l-ħaxix**

Magna, li taqta' l-ħaxix li tkun wara trakk jew fuq trakk jew magna b'konnessjonijiet tal-qtugħ ta' ħaxix fejn il-mezz li jaqta' jopera fi pjan bejn wieħed u ieħor parallel ma' l-art u li tuża l-art biex tiddetermina għoli ta' qtugħ b'mezzi ta' roti, kuxxinett ta' l-arja jew skidjaturi, eċċ; u li tutilizza magna jew mutur ta' l-elettriku għal sors ta' qawwa. Il-mezzi ta' qtugħ huma jew

— elementi ta' qtugħ riġidi, jew

— linja(i) ta' filamenti mhux tal-metall jew *cutter(s)* mhux tal-metall li huma ħielsa li jduru b'enerġija ta' mozzjoni ta' aktar minn 10 J kull waħda; l-enerġija ta' mozzjoni hija determinata li tuża EN 786:1997, l-Anness B.

Magna, li taqta' li tkun wara trakk jew fuq trakk jew magna b' konnessjonijiet tal-qtugħ ta' ħaxix fejn il-mezz ta' qtugħ qed iddur ma' fus orizzontali biex jipprovdu azzjoni li ġġiżż b'virga jew sikkina li jaqtgħu b'mod stazzjonarju (ħassad ċilindriku).

33. **Trimmjar tal-ħaxix/trimmjar ta' tarf tal-ħaxix**

Magna li taqta' li taħdem bl-elettriku li tkun fuq wara ta' trakk jew ta' l-idejn b'element(i) li taqta' ta' linja(i) ta' filament mhux tal-metall jew *cutters* mhux tal-metall li huma ħielsa li jduru b'enerġija ta' mozzjoni ta' mhux aktar minn 10 J kull waħda, maħsuba biex taqta' ħaxix jew tkabbir artab simili L-element(i) li jaqtgħu jopera (joperaw) fi pjan bejn wieħed u ieħor parallel (Trimmjar ta' ħaxix) jew wieqaf dritt (trimmjar ta' tarf ta' ħaxix) ma' l-art. L-enerġija ta' mozzjoni hija determinata billi tintuża EN 786:1997, l-Anness B

34. **Neffieħa tal-weraq**

Magna bil-qawwa addatata biex tnaddaf ħaxix, passaġġi, toroq eċċ. ta' weraq u materjal ieħor b' mezzi ta' fluss t' ajru ta' veloċitá għolja Tistá tkun portabbli (ta' l-idejn) jew mhux portabbli imma mobbli.

35. **Kollettur ta' weraq**

Magna ta' qawwa addattata biex tiġbor weraq u rdim ieħor billi tuża mezz ta' ġbid li jikkonsisti f'sors ta' poter li jipproduċi vakum fil-magna u żennuna u kontenitur għall-materjal miġbur. Tista' tkun ta' l-idejn jew mhux ta' l-idejn imma mobbli.

36. **Trakk ta' rfigħ, li jaħdem b' magna ta' kombustjoni, b'kontrapiż**

Trakk ta' rfigħ, bir-roti li jaħdem b'magna ta' kombustjoni b'kontrapiż u tagħmir ta' rfigħ (arblu, support teleskopiku jew support artikulat). Dawn huma:

— trakkijiet ta' l-art mħarbta (trakkijiet bir-roti kontrabilanċjati maħsuba primarjament għal operazzjoni fuq art naturali mhux imtejba u fuq art disturbata ta', eż., postijiet ta' kostruzzjoni)

— trakkijiet oħra ta' rfigħ kontrabilanċjati, minbarra dawk it-trakkijiet ta' rfigħ kontrabilanċjati li huma speċifikament mibnija għall-imaniġġar ta' kontenitur.

▼B

37. **Karigatur**

Magna li taħdem b'mutur proprju bir-roti jew li titkaxkar li jkollha barmil bħala li jappoġġa struttura u konnessjoni mmuntat fuq quddiem, li jgħabbi jew iħaffer tul mozzjoni ‘l quddiem tal-magna, u terfa', titrasporta jew tarmi materjal.

38. **Krejn mobbli**

Oġġett ta' krejn li jaħdem b'magna proprja addattat biex jivjaġġa, mgħobbi jew mhux mgħobbi, mingħajr il-bżonn għal *runways* fissi u jiddependi fuq gravitá għal stabbilitá. Jaħdem fuq *tyers*, *crawlers* jew b'arranġamenti mobbli. F'posizzjonijiet fissi jista' jkun appoġġat b'*outriggers* jew aċċessjori oħra li jżidu l-istabbiltá tiegħu. Is-superstruttura ta' krejn mobbli tista' tkun ta' tip ta' tidwira sħiħ, ta' tidwir limitat jew li ma jdurux Huwa normalment mgħammar b'taljola waħda jew aktar u/jew ċilindri idrawliċi biex jerfgħu jew ibaxxu l-oġġett tat-tagħbija. Krejnijiet mobbli huma mgħammra jew b'oġġetti teleskopiċi, b'oġġetti artikulari, jew oġġetti ta' *network*, jew kombinazzjoni ta' dawn, ta' disinn bħal dan li jista' jitbaxxa malajr. It-tagħbija sospiżi mill-*jib* jistgħu jkunu mqandla b'blokka mgħaqda flimkien bil-ganċ jew twaħil ieħor li jerfa' tagħbija għal servizzi speċjali.

39. **Kontenitur ta' skart mobbli**

Kontenitur mfassal b'mod xieraq imwaħħal b'roti maħsuba biex jaħżnu skart temporanju, u li huwa mgħammar b'għatu

40. **Mgħażqa tal-mutur**

Magna li taħdem b'mutur proprju mfassla biex tkun *pederstrian-controlled*

— bl-appoġġ ta' rota(i) jew mingħajru, b'mod bħal dan li l-elementi li jaħdmu tagħha jaġixxu bħala għodda li tgħażaq biex jassiguraw propulsjoni (imgħażqa tal-mutur), u

— mekkanizzata b'rota waħda jew varji direttament attivati mill-magna u mgħammra b'għodda ta' mgħażqa (mgħażqa tal-mutur b'roti li jimxu)

41. **Finalizzatur ta' toroq**

Magna ta' kostruzzjoni ta' toroq mobbli użata għall-għan li tapplika saffi ta' materjal ta' kostruzzjoni bħal taħlit tal-bitumen, konkrit u ramel fuq uċuħ. Finalizzaturi ta' toroq jistgħu jkunu mgħammra bi *screed* ta' kompressjoni għolja.

42. **Tgħammir ta' pilastri**

Installazzjoni ta' *pile* u tgħammir ta' estrazzjoni, eż. martelli ta' impatt, estrattturi, vibraturi jew mezzi ta' mbuttar/ġbid ta' safef li ma jiċċaqlaqx ta' twaħħil flimkien ta' magni jew komponenti użati għall-installazzjoni jew estrazzjoni ta' safef, li jinkludu wkoll:

— manuvri ta' *piling* li jikkonsistu f'magna ta' ġarr (*crawler*, immuntata b'rota jew virga, twaħħil ta' galleġġjant prinċipali jew sistema priċipali jew ta' gwida,

— aċċessorji, eż. kapsijiet ta' *pile*, *helmets*, pjanċi, segwaċi, mezzi ta' rbit, mezzi ta' maneġġar ta' *pile*, gwida ta' *pile*, gvieret akustiċi u mezzi ta' assorbazzjoni ta' xokk/vibrazzjoni, pakketti/ġeneraturi ta' qawwa u mezzi ta' rfigħ personali jew pjattaformi.

43. **Tqegħid tal-pajpijiet**

Magna taħdem b'mutur proprju li tikaxkar jew bir-roti speċifikament imfassal biex timmaniġġa u tqiegħed pajpijiet u ġġorr tagħmir ta' pajpijiet. Il-magna, ta' liema disinn huwa bbażat fuq *tractor*, għandu komponenti mfassla speċjali bħal *undercarriage*, kwadru prinċipali, kontrapiż, travu u makkaniżmu ta' travu ta' tagħbija, u travu tal-ġenb li jdur vertikali.

▼B

44. **Piste caterpillar**

Magna li taħdem b'mutur proprju li titkaxkar użata biex tagħmel forza ta' mbuttar jew ġibda fuq borra jew silġ tul tagħmir immuntat.

45. **Ġeneratur ta' qawwa**

Kwalunkwe mezz li jkollu miegħu magna ta' kombustjoni interna li tmexxi ġeneratur elettriku li jdur li jipproduċi forniment kontinwu ta' qawwa elettrika.

46. **Xkupa ta' qawwa**

Magna ta' kollezzjoni li tiknes li jkollha tagħmir li jiknes irdim fil-passaġġ ta' ġbid ta' ġewwa li imbagħad b'mod pnewmatiku ta' veloċitá għolja ta' ġett ta' arja jew b'sistema ta' ġbir mekkaniku li tgħaddi l-irdim lill-kollettur ta' skart. Il-mezzi ta' knis u kollezzjoni jistgħu jkunu jew mmuntati ma' vettura proprja ta' xażi ta' trakk jew inkorporat mal-ġisem tax-xażi tiegħu stess. It-tagħmir jista' jkun imwaħħal jew jista' jerġa jkun immontat bħall-każ ta' sistema ta' qafas li jinbidel.

47. **Vettura ta' ġbir ta' skart**

Vettura mfassal għall-ġbir jew trasportazzjoni ta' skart domestiku u goff ibbażat fuq tagħbija via konteNituri jew bl-idejn. Il-vettura tista' tkun mgħammra b'mekkaniżmu ta' kompressur. Vettura ta' ġbir ta' skart jkollha fiha xażi b'kabina fuq liema l-qafas huwa mmuntat. Tista' tkun mgħammra mezz ta' kontenitur li jerfa'.

48. **Magna ta' tkissir ta' toroq**

Magna mobbli wżata biex tneħħi materjal minn uċuħ ta' toroq li tuża korp ċilindriku li jaħdem bil-qawwa, fuq liema wiċċ għodda ta' tkissir huma mwaħħla; it-tnabar li jaqtgħu jduru matul l-operazzjoni ta' qtugħ.

49. **Scarifier**

Magna bil-qawwa li timxi fuq wara ta' trakk jew fuq trakk li tuża l-art biex tiddetermina l-fond ta' qtugħ u li hija mgħammra bi twaħħil flimkien xierqa biex taqsam jew tobrox il-wiċċ ta' ħaxix f'ġonna, postijiet ta' rikrejazzjoni jew żoni simili.

50. **Magna li tqatta' biċċiet/li tfarrak**

Magna bil-qawwa mfassal għal użu f'posizzjoni stazzjonarja li jkollom mezz wieħed jew aktar li jaqtgħu għall-għan biex inaqqsu materjal goff organiku f'biċċiet żgħar. Ġeneralment tikkonsisti f'fetħa minn fejn jimtela' materjal (li jista' jinżamm b'apparat jew le) huwa mdaħħal, mezz li jaqta' materjal bi kwalunkwe metodu (qtugħ, tqatta', tfarrak jew metodi oħra) u tubu ta' rmigħ minn fejn il-materjal maqtugħ huwa mormi. Mezz ta' ġbir jista' jitwaħħal.

51. **Magna li tneħħi l-borra b'għodda li ddur**

Magna b'liema tista' titneħħa borra minn żoni traffikużi b'mezzi li jduru, aċċellerati u mitfugħa b'mezzi ta' neffieħa.

52. **Vettura li tiġbed**

Vettura mgħammra b'mezz li tiġbor ilma, tajn, ċaflis, skart jew materjal simili minn katusi u kanali tad-dranaġġ jew installazzjonijiet simili b'mezzi ta' vakum. Il-mezz tista' jew tkun immuntata jew fuq xażi ta' trakk proprju ta' vettura jew inkorporata fuq il-ġisem tax-xażi tagħha. It-tagħmir jista' jkun imwaħħal jew jista' jerġa jkun immontat bħall-każ ta' sistema ta'qafas li jinbidel.

53. **Krejn li jintrama**

Il-krejn *slewing jib* bil-*jib* li tinsab mal-parti ta' fuq tat-torri li jkun approssimatament vertikali meta jitħaddem. Dan l-apparat li jaħdem bl-elettriku huwa mgħammar b'mezzi biex jgħollu jew ibaxxu tagħbija u għall-moviment ta'

▼B

tagħbija bħal din billi jibdlu r-*radius* ta' l-irfigħ ta' tagħbija, tidwir, vjaġġar ta' l-apparat komplet. Ċertu apparati jaqdu x'uħud imma mhux neċessarjament mhux il-movimenti kollha. L-apparat jista' jkun installat f'posizzjoni fissa jew mgħammar b'mezzi għal tneħħija minn post jew tixbit.

54. **Moħriet għaż-zerriegħa**

Magna li tiċċaqlaq weħidha, mriekba fuq jew ikkontrollata minn *pedestrian*, li titkaxkar jew bir-roti, li jkollha rbit jew twaħħil ta' skavatur immuntat fuq quddiem jew wara, primarjament mfassla biex tipproduċi moħriet f'operazzjoni kontinwa, tul mozzjoni tal-magna.

55. **Trakk tat-tħallit**

Vettura li hija mgħammra bi travu biex jittrasporta konkrit diġa mħallat millpjanta ta' taħlit ta' konkrit għall-lok tax-xogħol; it-travu jista' jdur meta l-vettura tinstaq jew tkun wieqfa It-travu huwa żvojtat fuq il-post tax-xogħol billi jdur it-travu. It-travu huwa misjuq jew b'magna tas-sewqan tal-vettura jew b'magna supplementari.

56. **Unitá ta' pompa ta' l-ilma**

Magna li tikkonsisti f'pompa ta' l-ilma nnifisha u s-sistema tas-sewqan. Pompa ta' l-ilma tfisser magna biex ittella' ilma minn livell ta' enerġija baxx għal livell għoli.

57. **Ġeneratur ta' weldjar**

Kwalunkwe mezz li jdur li jipproduċi kurrent ta' weldjar.

▼B

*ANNESS II*

**DIKJARAZZJONI TA' KONFORMITÀ TAL-KE**

Id-dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE għandu jkollha l-partikolarijiet li ġejjin:

— isem u indirizz tal-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá

— isem u indirizz tal-persuna li żżomm id-dokumentazzjoni teknika

— deskrizzjoni tat-tagħmir

— proċedura ta' stima ta' konformitá sewgita, u, fejn xieraq, isem u indirizz tal-korp notifikat involut

— livell ta' qawwa ta' ħoss imkejjel jew tagħmir rappreżentat għal dan it-tip

— livell ta'qawwa ta' ħoss garantit għal dan it-tagħmir

— referenza għal din id-Direttiva

— id-dikjarazzjoni li t-tgħammir jaqbel mal-bżonnijiet ta' din id-Direttiva

— fejn xieraq, id-dikjarazzjoni(jiet) ta' konformitá u referenzi tad-Direttivi ta' Komunitá oħrajn applikat

— il-post u data tad-dikjarazzjoni

— partikolaritajiet tal-firmatarju awtorizzat biex jiffirma d-dikjarazzjoni legali li torbot għall-produttur jew ir-rappreżentat awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá.

▼B

*ANNESS III*

## METODU TA' TKEJJIL TA' ĦOSS FL-ARJA EMESS MINN TAGĦMIR GĦALL-UŻU TA' BARRA

**Skop**

Dan l-Anness iniżżel il-metodu ta' tkejjil ta' ħoss fl-arja li għandu jkun użat għad-determinazzjoni tal-livelli ta' qawwa ta' ħoss ta' tagħmir kopert minn din id-Direttiva bi skop għall-proċeduri ta' konformitá ta' stima ta' din id-Direttiva.

Parti A ta' dan l-Anness għal kull tip ta' tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) iniżżel

— *standards* bażiċi ta'emissjoni ta' ħoss

— supplimenti ġenerali għal dawn l-i*standards* bażiċi ta'emissjoni ta' ħoss

biex ikejlu l-livell ta' pressjoni ta' ħoss fuq wiċċ ta' tkejjil li jgħatti s-sors u għall-ikkalkular tal-livell ta' qawwa ta' ħoss prodott mis-sors.

Parti B ta' dan l-Anness għal kull tip ta' tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) iniżżel

— *standard* bażiku ta'emissjoni ta' ħoss irrakkomandat li jinkludi

    — referenza għall-i*standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss magħżul minn Parti A

    — iż-żona ta' prova

    — il-valur tal-kostanti $K_{2A}$

    — il-forma tal-wiċċ tat-tkejjil

    — in-numru u posizzjoni ta' mikrofoni li għandhom jintużaw

— kondizzjonijet operattivi jinkludu

    — ir-referenza għal *standard*, jekk hemm

    — bżonnijiet li jirrelataw għall-immuntar tat-tagħmir

    — metodu biex ikunu kkalkulati l-livelli ta' qawwa ta' ħoss li jirriżultaw fil-każ li x'uħud mill-provi b'kondizzjonijiet operattivi għandhom jintużaw

— aktar informazzjoni.

Meta jipprova tipi speċifiċi ta' tagħmir, il-produttur jew ir-rappreżentanti awtorizzat tiegħu fil-Komunitá jista' in ġenerali jagħżel wieħed mill-i*standards* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss ta' Parti A u japplika l-kondizzjonijiet operattivi ta' Parti B għal dan it-tip speċifiku ta' tagħmir. Fil-każ ta' dubju, madankollu, l-i*standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss irrakkomandata mniżżel f'Parti B għandu jintuża flimkien mal-kondizzjonijet operattivi ta' Parti B.

▼B

*PARTI A*

## STANDARD BAŻIKU TA'EMISSJONI TA' ĦOSS

Għad-determinazzjoni tal-livell ta' qawwa ta' ħoss ta' tagħmir għall-użu ta' barra skond l-Atikolu 2(1) l-i*standards* bażiċi ta' emissjoni ta' ħoss

EN OSI 3744:1995

EN OSI 3746:1995

jistgħu ġeneralment jintużaw mas-supplimenti ġenerali li ġejjin:

1. **Inċertezza ta' kejl**

Inċertezzi ta' kejl mhumiex meħuda in konsiderazzjoni fil-qafas ta' proċeduri ta' konformitá ta' stima fil-fażi ta' tfassil.

2. **Operazzjoni ta' sorsi matul prova**

2.1. *Veloċità ta' fann*

Jekk il-magna tat-tagħmir jew is-sistema idrawlika hija mwaħħla ma' fann(ijiet) għandha topera matul il-prova. Il-veloċitá ta' fann hija, skond waħda mill-kondizzjonijet li ġejjin, stabbiliti u magħmula mill-produttur tat-tagħmir u għandhom jidhru fir-rapport tal-prova, din il-veloċitá tkun użata f'aktar tkejjil.

(a) Qawwa tal-fann direttament konnessa mal-magna

Jekk il-qawwa tal-fann hija direttament konnessa mal-magna u/jew tagħmir idrawliku (eż. b' *belt drive*) għandu jopera waqt il-prova.

(b) Qawwa ta' fann b' xi wħud minn veloċitajiet distinti

Jekk il-fann jista' jaħdem b' xi wħud minn veloċitajiet distinti l-prova għandha ssir jew

— bil-veloċitá ta' ħidma massima tagħha, jew

— fl-ewwel test bil-fann issetjat fuq veloċitá żero bit-tieni prova ssetjata f'veloċità massima. Il-livell ta' pressjoni ta' ħoss $L_{PA}$ li jirriżulta għandu jkun ikkalkulat billi jikkombinaw iż-żewġ riżultati tal-provi billi tintuża l-ekwazzjoni li ġejja:

$$L_{pA} = 10\ \lg\{0{,}3 \times 10^{0{,}1\ LpA,\ 0\%+0{,}7} \times 10^{0{,}1\ LpA,\ 100\%}Ħ\}$$

fejn:

$L_{pA,0\ \%}$ hu l-livell ta' pressjoni ta' ħoss determinat bil-fann issetjat f'veloċitá żero

$L_{pA,100\ \%}$ hu l-livell ta' pressjoni ta' ħoss determinat bil-fann issettjat fuq veloċitá massima.

(ċ) Qawwa ta' fann b'veloċitá kontinwa varjabbli

Jekk il-fann jista' jaħdem f'veloċitá kontinwa varjabbli, il-prova għandha ssir jew skond 2.1(b) jew bil-veloċitá ta' fann issettjat mill-produttur mhux anqas minn 70 % tal-veloċitá massima.

2.2. *Prova ta' tagħmir bil-qawwa ħieles minn tagħbija*

Għal dawn il-miżuri, il-magna u s-sistema idrawlika tat-tagħmir għandha tkun imsaħħna skond l-istruzzjonijiet, u bżonnijiet ta' siġurtá għandhom ikunu osservati.

▼B

Il-prova hija magħmula bit-tagħmir f'posizzjoni stazzjonarja mingħajr ma jkun operat it-tagħmir li jaħdem jew il-mekkaniżmu ta' vjaġġar. Għall-għan tal-prova, il-magna tieqaf topera b'inqas mill-veloċitá b'rata li tikkorispondi għal qawwa netta (*).

Jekk il-magna hija mħaddma b'ġeneratur jew mill-*mains*, il-frekwenza tal-provista tal-kurrent, speċifikata mill-mutur mill-produttur, għandha tkun stabbilita f' ± 1 Hz jekk il-magna hija mgħammra b'mutur b'induzzjoni u l-provvista tal-vultaġġ f' ± 1 % tal-vultaġġ bir-rata jekk il-magna hija mgħammra b'mutur li jista' jinbidel. Il-provvista ta' vultaġġ huwa mkejjel bi plakka ta' kejbel jew ħabel li ma jinqalax, jew f'daħla tal-magna jekk kejbel li jinqala huwa pprovdut. Il-*waveform* tal-kurrent fornut mill-ġeneratur għandha tkun simili għal dik miksuba mill-*mains*.

Jekk il-magna taħdem bil-batterija, il-batterija għandha tkun iċċarġjata kollha.

Il-veloċitá wżata u l-qawwa netta li tikkorispondi huma stabbiliti mill-produttur tat-tagħmir u għandu jidher fir-rapport tal-prova.

Jekk it-tagħmir huwa mwaħħal ma' xi wħud mill-magni, għandhom jaħdmu fl-istess ħin matul il-provi. Jekk dan mhux possibbli, kull kombinazzjoni possibbli ta' magna(i) għandha tkun ipprovata.

2.3. *Prova ta' tagħmir bil-qawwa taħt tagħbija*

Għal dawn il-miżuri, il-magna (mezz li ssuq) u sistema idrawlika tat-tagħmir għandhom jissaħħnu skond l-istruzzjonijet, u bżonnijiet ta' sigurtá għandhom jkunu osservati. L-ebda mezz ta' sinjal bħal ħorn ta' twissija jew apparat ta' reverse ta' allarm li jgħarraf għandu jkun operat matul il-prova.

Il-veloċitá tat-tagħmir matul il-prova għandu jkun irreġistrat u jidher fir-rapport tal-prova.

Jekk it-tagħmir huwa mwaħħal ma' xi wħud mill-magni u/jew jaggregaw għandhom jaħdmu fl-istess waqt matul il-provi. Jekk dan mhux possibbli, kull kombinazzjoni ta' magna(i) possibbli u/jew aggregati għandhom ikunu pprovati.

Għal kull tip ta' tagħmir li għandu jkun ipprovat taħt tagħbija, kondizzjonijet operattivi speċifiċi għandhom jitniżżlu li għandhom, fi prinċipju, jipproduċu effetti u stressijiet simili għal dawk li jiltaqgħu magħhom taħt kondizzjonijet ta' ħidma attwali.

2.4. *Prova ta' tagħmir li jinżamm fl-idejn*

Kondizzjonijiet operatttivi konvenzjonali għal kull tip ta' tagħmir li jinżamm fl-idejn għandhom jitniżżlu li jipproduċu effetti u stressijiet simili għal dawk li għaddew taħt kondizzjonijet ta' ħidma attwali.

3. **Kalkolu ta' livell ta' pressjoni ta' ħoss tal-wiċċ**

Il-livell ta' pressjoni ta' ħoss tal-wiċċ għandu jkun determinat ta' l-inqas tliet darbiet. Jekk ta' l-inqas tnejn mill-valuri determinati ma jinbidlux b'aktar minn 1 dB, aktar miżuri għandhom ikunu meħtieġa, jew inkella l-miżuri għandhom jitkomplew sakemm żewġ valuri li jinbidlu b'mhux aktar minn 1 dB huma miksuba. Il-livell ta' pressjoni ta' ħoss ta' wiċċ A-mkejjel li għandu jintuża biex ikun ikkalkulat il-livell ta' qawwa ta' ħoss huwa mezz aritmetiku ta' l-għola żewġ valuri li ma jinbidlux b'aktar minn 1 dB.

4. **Informazzjoni li għandha tkun irrapportata**

Il-livell ta' qawwa ta' ħoss A-mkejjel tas-sorsi taħt prova għandu jkun irrapportat lejn l-aktar numru sħiħ (anqas minn 0,5 jintuża l-iktar numru baxx; aktar minn jew ugwali għal 0,5 jintuża l-għola numru).

(*) Qawwa netta tfisser il-qawwa f'"KE kW" miksuba fuq il-bank tal-prova fl-aħħar tal-*crankshaft*, jew l-ekwivalenti tagħha, imkejla skond il-metodu tal-KE ta' tkejjil ta' qawwa ta' magni ta' kombustjoni interni għal vetturi ta' triq, minbarra dak tal-qawwa tal-fann li jkessaħ il-magna jekk eskluż.

▼B

Ir-rapport għandu jkun fih it-tagħrif tekniku neċessarju biex jidentifika s-sorsi taħt prova kif ukoll il-kodiċi ta' prova ta' ħoss u t-tagħrif akustiku.

5. **Posizzjonijiet ta' mikrofonu addizjonali tal-wiċċ emisferiku ta' tkejjil (EN OSI 3744:1995)**

Barra l-klawsoli 7.2.1 u 7.2.2 ta' EN OSI 3744:1995 sett ta' 12-il mikrofonu fuq il-wiċċ emisferiku tat-tkejjil jistgħu jintużaw. Il-lok ta' posizzjonijiet ta' 12-il mikrofonu mqassma fuq il-wiċċ ta' emisferu ta' *radius* r huma elenkati fil-forma ta' koordinati Kartesjani fit-tabella li ġejja. Ir-*radius* r ta' l-emisferu għandu jkun ugwali jew akbar mid-doppju mill-aktar dimensjoni tar-referenza *parallelpiped*. Ir-referenza *parallelpiped* hija definita bħala l-iżgħar *parallepiped* rektangolari possibbli li tagħlaq it-tagħmir (mingħajr twaħħil) u tispiċċa fuq il-pjan riflettiv. Ir-*radius* ta' l-esmisferu għandu jkun ittondjat lejn l-aktar numru għoli tal-valuri li ġejjin: 4, 10, 16 m.

In-numru (12) tal-mikrofoni jistgħu jitnaqqsu għal sitta, imma l-posizzjonijiet tal-mikrofonu 2,4,6,8,10 u 12 segwiti mill-bżonnijiet ta' klawsola 7.4.2 of EN OSI 3744:1995 għandhom jintużaw fi kwalunkwe każ.

Ġeneralment l-arranġament mas-sitt posizzjonijiet ta' mikrofoni fuq wiċċ emisferiku ta' tkejjil għandu jintuża. Jekk m' hemmx speċifikazzjonijiet oħra mniżżla f'kodiċi ta' prova ta' ħoss f'din id-Direttiva għal tagħmir speċifiku, dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jintużaw.

*TABELLA*

**Koordinati tal-posizzjonijiet ta' 12-il-mikrofonu**

| Numru ta' mikrofonu | x/r | y/r | z |
|---|---|---|---|
| 1 | 1 | 0 | 1,5 m |
| 2 | 0,7 | 0,7 | 1,5 m |
| 3 | 0 | 1 | 1,5 m |
| 4 | -0,7 | 0,7 | 1,5 m |
| 5 | -1 | 0 | 1,5 m |
| 6 | -0,7 | -0,7 | 1,5 m |
| 7 | 0 | -1 | 1,5 m |
| 8 | 0,7 | -0,7 | 1,5 m |
| 9 | 0,65 | 0,27 | 0,71 r |
| 10 | -0,27 | 0,65 | 0,71 r |
| 11 | -0,65 | -0,27 | 0,71 r |
| 12 | 0,27 | -0,65 | 0,71 r |

6. **Korrezzjoni ambjentali $K_{2A}$**

Tagħmir għandu jkun imkejjel fuq wiċċ riflettiv ta' konkrit jew asfalt mhux porus, mill-korrezzjoni ambjentali $K_{2A}$ huwa ssettjat għal $K_{2A} = 0$. Jekk m' hemmx speċifikazzjonijiet oħra mniżżla f'kodiċi ta' prova ta' ħoss ta' din id-Direttiva għal tagħmir speċifiku, dawn l-ispeċifikazzjonijet għandhom jintużgħu.

▼B

*Figura*

**Mikrofonu addizzjonali jitqiegħdu f'ordni fuq l-emisferu (posizzjoniet ta' 12-il mikrofonu)**



▼B

*PARTI B*

**KODIĊI TA' PROVA GĦAL TAGĦMIR SPEĊIFIKU**

0. **TAGĦMIR LI HUWA PPRUVAT ĦIELES MINN TAGĦBIJA**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Żona ta' prova*

Wiċċ riflettiv ta' konkrit jew asfalt mhux porus

*Korrezzjoni ambjentali* $K_{2A}$

$K_{2A} = 0$

*Wiċċ ta' kejl/numru ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu/distanza ta' kejl*

(i) Jekk l-akbar dimensjoni tar-referenza *parallepiped* ma taqbiżx 8 m:

emisferu/sitt posizzjonijiet ta' mikrofonu skond Parti A oġġett 5/skond Parti A oġġett 5

(ii) Jekk l-akbar dimensjoni tar-referenza *parallepiped* taqbiżx 8 m:

*parallepiped* skond OSI 3744:1995 b'distanza ta' kejl d = 1 m

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Prova ħielsa ta' tagħbija:*

Il-provi tal-ħoss għandhom isiru skond Parti A oġġett 2.2

*Perjodu(i) ta' osservazzjoni/determinazzjoni ta' livell ta' qawwa ta' ħoss li jirriżulta jekk aktar minn kondizzjoni operattiva waħda hija wżata*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandhom ikunu ta' l-inqas 15-il sekonda

1. **PJATTAFORMI TA' AĊĊESS TA' L-ARJA B' MAGNA TA' KOMBUSTJONI**

Ara Nru 0

2. ***CUTTERS* BI XKUPILJA**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Żona ta' prova*

OSI 10884:1995

*Wiċċ ta' tkejjil/ numru ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu/distanza ta' tkejjil*

OSI 10884:1995

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Prova taħt tagħbija*

OSI 10884:1995, punt 5.3

*Perjodu(i) ta' osservazzjoni*

OSI 10884:1995

3. **TALJOLI TA' BENNEJJA GĦAT-TRASPORT TA' OĠĠETTI**

Ara Nru 0

Iċ-ċentru ġeometriku tal-magna għandu jkun posizzjonat fuq iċ-ċentru ta' l-emisferu; il-*lift* għandu jimxi mingħajr tagħbija u jħalli l-emisferu - jekk neċessarju - f'direzzjoni ta' punt 1

▼B

4. **MAGNI TA' SERRIEQ TA' POST TAL-BINI**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Wiċċ ta' kejl/numru ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu/distanza ta' kejl*

OSI 7960:1995, Anness J b' d = 1 m

**Kondizzjonijiet operattivi matul test**

*Prova taħt tagħbija*

Jikkorrispondi għal OSI 7690:1955, Anness J (punt J2(b)biss)

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Jikkorrispondi għal OSI 7960:1955, Anness J

5. **BANKIJIET TA' SERRIEQ ĊIRKULARI F'POST TA' BINI**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Wiċċ ta' kejl/numru ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu/ distanza ta' kejl*

OSI 7960:1995, Anness A, distanza ta' kejl d = 1 m

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Prova taħt tagħbija*

OSI 7960:1995, Anness A (punt A2(b)biss)

*Perjodu ta' osservazzjoni*

OSI 7960:1995, Anness A

6. ***CHAIN SAWS*, TA' L-IDEJN**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Żona ta' prova*

OSI 9207:1995

*Wiċċ ta' prova/numru ta'posizzjonijiet ta' mikrofonu/distanza ta' kejl*

OSI 9207:1995

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Prova taħt taħbija/Prova ħielsa ta' tagħbija*

Tagħbija sħiħa ta' segatura ta' injam/magna f'revoluzzjoni massima mingħajr tagħbija

(a) magna li taħdem b'kombustjoni: OSI 9207:1995 punti 6.3 u 6.4

(b) li taħdem b'mutur ta' l-elettriku: prova li tikkorisspondi għal OSI 9207:1995 punt 6.3 u prova bil-mutur f'revoluzzjoni massima mingħajr tagħbija

*Perjodu(i) ta' osservazzjoni/determinazzjoni ta' livell ta' qawwa ta' ħoss li jirriżulta jekk aktar minn kondizzjoni operattiva waħda hija wżata*

OSI 9207:1995 punt 6.3 u 6.4

Il-livell ta' qawwa ta' ħoss li jirriżulta $L_{WA}$ hu kkalkulat b':

$$L_{WA} = 10 \lg \frac{1}{2} [10^{0,1 L_{W1}} + 10^{0,1 L_{W2}}]$$

fejn $L_{W1}$ u $L_{W2}$ huma l-livelli medji ta' qawwa ta' ħoss taż-żewġ modi differenti ta' operazzjoni msemmija aktar ‘il fuq

▼B

7. ***FLUSHERS* TA' PRESSJONI GĦOLJA KKOMBINATA U VETTURI TA' ĠBID**

Jekk huwa possibbli biex joperaw iż-żewġ oġġetti fl-istess ħin, dan għandu jsir skond Nru 26 u 52. Jekk le, għandhom jitkejjlu separatament u l-għola valuri għandhom ikunu stabbiliti

8. **MAGNI LI JGĦAQQDU FLIMKIEN**

(i) **ROMBLI LI MA JIVVIBRAWX**

Ara Nru 0

(ii) **ROMBLI LI JIVVIBRAW GĦAL OPERATURI LI JIRKBU**

**Standard bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Immuntar ta' tagħmir*

Ir-romblu li jivvibra għandu jkun installat fuq materjal(i) elastiku(ċi) xieraq wieħed jew aktar bħal kuxxinett ta' l-arja. Dawn il-kuxxinetti ta' l-arja għandhom ikunu magħmula minn materjal imrattab (bl-elastiku jew simili) u għandhom jintefħu għal pressjoni li tassigura li l-magna hija elevata b'ta' l-inqas 5ċm; effetti resonanti għandhom ikunu evitati. Id-dimensjoni tal-kuxxinett(i) għandhom ikunu b'mod li l-istabbilità tal-magna taħt prova hija assigurata

*Prova taħt tagħbija*

Il-magna għandha tkun ipprovata f'posizzjoni stazzjonarja bil-magna f'veloċitá b'rata ta' (stabbilità mill-produttur) u l-mekkaniżmu(i) li jiċċaqalqu maqtugħa. Il-mekkaniżmu li jgħaqqad flimkien għandu jkun operat billi jintuża qawwa massima ta' tagħqid flimkien korrespondenti għall-kombinazzjoni tal-frekwenza għolja u l-aktar kobor għoli possibbli għal dik il-frekwenza kif iddikjarata mill-produttur

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun ta' l-inqas 15-il sekonda

(iii) **PJANĊI LI JIVVIBRAW, MADAFFI LI JIVVIBRAW, MADAFFI ESPLOSSIVI U ROMBLI LI JIVVIBRAW LI JIMXU FUQ WARA**

**Standard bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Żona ta' prova*

EN 500-4 rev. 1:1998, Anness Ċ

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Prova taħt tagħbija*

EN 500-4 rev. 1:1998, Anness Ċ

*Perjodu ta' osservazzjoni*

EN 500-4 rev. 1:1998, Anness Ċ C

9. **KOMPRESSURI**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Wiċċ ta' kejl, numru ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu/distanza ta' kejl*

emisferu/sitt posizzjonijiet ta' mikrofonu skond Parti A oġġett 5/skond parti A oġġett 5

jew

▼B

*parallelepiped* skond OSI 3744:1995 b'distanza ta' kejl d = 1 m

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Immuntar ta' tagħmir*

Il-kompressuri għandu jkunu nstallati fuq pjan riflettiv; kompressuri b'montatura ta' skiddjar għandhom jitqiegħdu fuq appoġġ 0,40 għoli, sakemm meħtieġ mod ieħor mill-kondizzjonijiet tal-produttur ta' installazzjoni.

*Prova taħt tagħbija*

Il-kompressur taħt prova għandu jissaħħan u jopera f'kondizzjonijiet stabbli għall-operazzjoni kontinwa. Għandu jkun eżaminat u mgħoti ż-żejt sewwa kif speċifikat mill-produttur

Id-determinazzjoni tal-livell ta' qawwa tal-ħoss għandha tkun magħmula f'tagħbija sħiħa jew f'kondizzjoni operattiva li hija riproduċibbli u hija rappreżentattiva ta' l-operazzjoni l-aktar storbjuża ta' użu tipiku tal-magna taħt prova, kwalunkwe waħda li hija storbjuża

Jekk it-tifrix tal-pjan komplet jkun b'mod li ċertu komponenti, eż. *intercoolers* huma immuntati ‘l bogħod mill-kompressur, għandhom isiru azzjonijiet biex jisseparaw il-ħoss ġenerat minn partijiet bħal dawn meta ssir il-prova ta' ħoss Separazzjoni ta' varji sorsi ta' ħoss tista' teħtieġ tagħmir speċjali għat-tnaqqis ta' ħoss minn dawn is-sorsi matul il-kejl. Il-karatteristiċi ta' ħoss u deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet operattivi ta' partijiet bħal dawn għandhom jingħataw separatament fir-rapport tal-prova

Matul il-prova l-gass li joħroġ mill-kompressur għandu jkun ippajpjat ċar miż-żona tal-prova. Għandha tittieħed kura biex tassigura l-ħoss ġenerat mill-gass li qed joħroġ huwa ta' l-inqas 10 dB anqas mill-ħoss li għandu jitkejjel fil-postijiet kollha ta' kejl (eż. billi jitwaħħal *silencer*

Għandha tittieħed kura li l-arja li toħroġ ma tintroduċix ħoss żejjed minħabba turbolenza fil-valve li joħroġ ta' kompressur

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun ta' l-inqas 15-il sekonda

10. **TKISSIR U ĠBIR TA' KONKRIT, BL-IDEJN**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Wiċċ ta' kejl/numru ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu/distanza ta' kejl*

Emisferu/numru ta' posizzjonijiet ta' sitt mikrofoni skond Parti A oġġett 5 u t-tabella li ġejja/ skond il-massa ta' tagħmir kif mogħtija fit-tabella li ġejja:

| Massa ta' tagħmir *m* f'kg | *Radius* ta' emisferu | z għal posizzjonijiet ta' mikrofonu 2, 4, 6 u 8 |
|---|---|---|
| m < 10 | 2 m | 0,75 m |
| m = 10 | 4 m | 1,50 m |

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Immuntar ta' tagħmir*

L-apparati kollha għandhom ikunu pprovati f'posizzjoni vertikali

Jekk l-apparat ta' prova għandu ħruġ ta' arja, l-assijiet tiegħu għandhom ikunu ekwidistanti minn żewġ posizzjonijiet ta' mikrofonu. Il-ħoss tal-*power supply* m'għandux jinfluwenza l-kejl ta' l-emissjoni ta' ħoss mill-apparat ipprovat

Appoġġ ta' l-apparat

L-apparat għandu jkun akkopjat matul il-prova ma' għodda ingastata fi blokk ta' konkrit f'forma ta' kubu mqiegħda f'fossa ta' konkrit, mgħarqa

▼B

fl-art. Biċċa ta' azzar intermedjarja tista' tkun imdaħħla waqt provi bejn l-apparat u l-għodda ta' appoġġ. Din il-biċċa intermedjarja għandha tifforma struttura stabbli bejn l-apparat u l-għodda ta' appoġġ. Figura 10.1 tinkorpora dawn il-bżonnijiet

Karatteristiċi ta' blokka

Il-blokka għandha tkun f'forma ta' kubu 0,60 m ± 2 mm twila fit-tarf u kemm jista' jkun possibbli regolari; għandha tkun magħmula minn konkrit rinforzat u perfettament vibrati f'safef sa 0,20 m biex tkun evitata fond eċċessiv.

Kwalitá tal-konkrit

Il-kwalitá tal-konkrit għandha tikkorrispondi għal C 50/60 ta' ENV 206

Il-kubu għandu jkun rinforzat b'vireg ta' l-azzar ta' 8 mm mingħajr irbit, kull virga tkun indipendenti mill-oħra; il-kunċett ta' tifsil huwa llustrat f'Figura 10.2

Għodda ta' appoġġ

L-għodda għandha tkun magħluqa fil-blokka u għandu jkun fiha madaffa ta' mhux anqas minn 178 mm jew mhux aktar minn 220 mm dijametru u komponent ta' għodda fit-torn biex iżomm marbut magħha ħaġa li trid tkun intornjata identika għal dik normalment użata ma' l-apparat li qed ikun ipprovat u jaqbel ma' OSI 1180:1983, imma twila biżżejjed biex iħallu l-prova prattika ssir

Għandu jsir trattament addattat biex jintegra ż-żewġ komponenti. L-għodda għandha titwaħħal fil-blokka sabiex il-qiegħ tal-madaffa hu 0,30 m mill-wiċċ ta' fuq tal-blokka (ara Figura 10.2)

Il-blokka għandha tibqa' mekkanikament taħdem, partikolarment fil-punt fejn l-għodda ta' appoġġ u l-konkrit jiltaqgħu. Qabel u wara kull prova, għandha jkun stabbilit li l-għodda maqfula fil-blokka tal-konkrit hija ntegrata magħha

Posizzjoni tal-kubu

Il-kubu għandu jkun issettjat f'fossa bis-siment kullimkien, kopert minn irħama li tgħatti ta' l-inqas100 kg/m$^2$, kif indikata f'Figura 10.3, sabiex il-wiċċ ta' fuq ta' l-irħama li tgħatti hu lixx ma' l-art. Biex ikun evitat ħoss parasitiku, il-blokka għandha tkun insulata kontra l-qiegħ u l-ġnub tal-fossa bi blokkok elastiċi, ta' liema l-frekwenza wieqfa m' għandiex tkun aktar minn nofs ir-rata ta' sinjal ta' l-apparat ipprovata, espress bħala daqqa kull sekonda

Il-ftuħ fl-irħama li tgħatti tul liema il-komponent ta' għodda fit-torn biex iżomm marbut magħha ħaġa li trid tkun intornjata tgħaddi għandha tkun żgħira kemm jista' jkun possibbli u magħluqa b'ġonta *sound-proof* flessibbli

*Prova taħt tagħbija*

L-apparat ipprovat għandu jkun konness ma' l-għodda ta' appoġġ

L-apparat ipprovat għandu jkun operat f'kondizzjonijiet stabbli li jkollhom l-istess stabbilitá akustika bħal f'servizz normali

L-apparat ipprovat għandu jkun operat f qawwa massima speċifikata fl-istruzzjonjiet fornuti lix-xerrej

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun ta' l-inqas 15-il sekonda

▼B

*Figura 10.1*

**Stampa skematika ta' biċċa intermedjarja**



▼B

*Figura 10.2*

**Blokka ta' prova**



▼B

*Figura 10.3*

**Mezz ta' prova**




Il-valur ta' A għandu jkun dak li l-irħama li tgħatti li sserraħ fuq il-ġonta elastika J hija lixxa ma' l-art

11. *MIXERS* TAL-KONKRIT JEW ĠIR TAT-TIKĦIL

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Prova taħt tagħbija*

Il-mezz ta' taħlit (travu) għandu jimtelá sar-rata ta' kapaċitá tiegħu b'ramel mfarrak ta' 0 sa 3 mm, l-umditá għandha tkun 4 sa 10 %

Il-mezz ta' taħlit għandu jkun operat ta' l-inqas fil-veloċitá b'rata

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun ta' l-inqas 15-il sekonda

12. WINĊIJIET TA' KOSTRUZZJONI

Ara Nru 0

Iċ-ċentru ġeometriku tal-magna għandu jkun posizzjonat fuq iċ-ċentru ta' emisferu; il-winċ għandu jkun imqabbad imma l-ebda tagħbija m' għandha tkun applikata

13. MAGNI TA' TWASSIL U SPREJAR GĦAL KONKRIT U ĠIR TA' TKAĦĦIL

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

   Jekk il-veloċitá ta' magna għas-sistema ta' kumpressjoni mhix ipprov-duta mill-produttur jew jekk il-vettura mhix ipprovduta b' aċċelleratur awtomatiku, imbagħad il-veloċitá ta' magna, maħruġa mill-aċċelleratur tal-kabina għandha tkun 1 200 rpm

3. Jekk il-mezz ta' rfigħ qed jaħdem fuq u l-isfel, mingħajr tagħbija u mingħajr kontenitur. Il-veloċitá ta' magna hija miksuba u kkontrollata għas-sistema ta' kompressjoni li qed taħdem (punt 2)

4. Materjal qed jaqa' fil-vettura ta' ġbir ta' skart

   Materjal huwa mbattal f'gozz bil-mezz ta' rfigħ fil-*hopper* (inizjalment vojt). Kontenitur ta' żewġ roti b'kapaċitá 240 1, li jaqbel ma' EN 840-1:1997 għandu jkun użat għal din l-operazzjoni. Jekk il-mezz ta' rfigħ ma jkunx jista' jaqbad tali kontenitur, kontenitur b' kapaċitá viċina għal 240 1 għandu jintuża. Il-materjal għandu jikkonsisti fi 30 tubu ta' PVC, kull wieħed b' 0,4 kg massa ċirka u bid-dimensjonijiet li ġejjin:

   — tul: 150 mm ± 0,5 mm

   — Dijametru estern nominali: 90 mm + 0,3/- 0 mm

   — fond nominali: 6,7 mm + 0,9/- 0 mm

*Perjodu(i) ta' osservazzjoni/determinazzjoni ta' livell ta' qawwa ta' ħoss li jirriżulta jekk aktar minn kondizzjoni operattiva waħda hija wżata*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun:

1. ta' l-inqas 15-il sekonda. Il-livell ta' qawwa ta' ħoss li tirriżulta għandu jkun $L_{WA1}$

2. ta' l-inqas tliet ċikli kompluti, jekk is-sistema ta' kompressjoni qed taħdem awtomatikament. Jekk is-sistema ta' kompressjoni mhux qed taħdem awtomatikament, imma ċiklu b'ċiklu, tkejjil għandu jsir ta' l-inqas matul tliet ċikli. Il-livell ta' qawwa ta' ħoss li jirriżulta ($L_{WA2}$) għandu jkun l-għerq moderat b'valur kwadru tat-tliet (jew aktar) tkejjil

3. ta' l-inqas tliet ċikli ta' xogħol kontinwi kompleti, li jinkludu l-entitá ta' mezz ta' rfigħ u jerfgħu mezz 'l isfel. Il-livell ta' qawwa ta' ħoss li jirriżulta ($L_{WA2}$) għandu jkun l-għerq moderat b'valur kwadru tat-tliet (jew aktar) tkejjil

▼B

4. ta' l-inqas tliet ċikli kompluti li jaħdmu, li kull waħda tinkludu it-twaqqigħ ta' 30 tubu fil-*hopper*. Kull ċiklu m'għandux jaqbeż 5 sekondi. Għal dawn it-tkejjil $L_{pAeq,T}$ għandu jinbidel $L_{pA,1s}$. Il-livell ta' qawwa ta' ħoss li jirriżulta ($L_{WA4}$) għandu jkun l-għerq moderat b'valur kwadru tat-tliet (jew aktar) tkejjil

Il-livell ta' qawwa ta' ħoss li jirriżulta huwa kkalkulat b':

$$L_{WA} = 10\log\left(0{,}06 \times 10^{0{,}1LWA1} + 0{,}53 \times 10^{0{,}1LWA2} + 0{,}4 \times 10^{0{,}1LWA3} + 0{,}01 \times 10^{0{,}1LWA4}\right)$$

*Nota:* Fil-każ ta' vettura ta' ġbir ta' skart fornuta bl-elettriku biss, il-koeffiċenti assoċjat għal $L_{WA1}$ huma maħsub li jkun ugwali għal 0.

48. **MAGNI TA' DĦIN TA' TRIQ**

***Standard*** **bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Immuntar ta' tagħmir*

Il-fus lonġitudonali tal-magna tat-dħin ta' triq għandha tkun parallela għal fus y

*Prova taħt tagħbija*

Il-magna ta' dħin ta' triq għandha tinġieb fi stat sod fi ħdan il-varjetá speċifikata fl-istruzzjonijiet fornuti lix-xerrej. Il-magna u twaħħil kollu għandu jkun qed jaħdem f'veloċitajiet b'rata rispettivi fil-mod wieqaf

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun ta' l-inqas 15-il sekonda

49. **SCARIFIERS**

***Standard*** **bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Żona ta' prova*

OSI 11094:1991

Fil-każ li ma jkunx hemm qbil, għandu jsir kejl fl-arja aperta fuq wiċċ artifiċjali (punt 4.1.2 ta' OSI 11094:1991)

*Korrezzjoni ambjentali $K_{2A}$*

K e j l f l - a r j a a p e r t a

$K_{2A} = 0$

K e j l ġ e w w a

Il-valur tal-kostanti $K_{2A}$, iddeterminat mingħajr il-wiċċ artifiċjali u skond l-Anness A sa EN OSI 3744:1995 għandu jkun = 2,0 dB, f'liema każ $K_{2A}$ m' għandux jitqies

*Wiċċ ta' kejl/numru ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu/distanza ta' kejl*

OSI 11094:1991

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Prova taħt tagħbija*

L-i*scarifier* għandu jitħaddem bil-magna fil-veloċitá tagħha nominali u mezz tagħha li jaħdem wieqaf (jopera, imma ma toftoqx)

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun ta' l-inqas 15-il sekonda

▼B

50. **SHREDDERS/CHIPPERS**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Żona ta' prova*

OSI 11094:1991

*Korrezzjoni ambjentali $K_{2A}$*

Kejl fl-arja aperta

$K_{2A} = 0$

Kejl ġewwa

Il-valur tal-kostanti $K_{2A}$, iddeterminat mingħajr il-wiċċ artifiċjali u skond l-Anness A sa EN OSI 3744:1995 għandu jkun = 2,0 dB, f'liema każ $K_{2A}$ m' għandux jitqies

*Wiċċ ta' kejl/numru ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu/distanza ta' kejl*

OSI 11094:1991

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Prova taħt tagħbija*

L-i*schredder/chipper* għandu jkun ipprovat billi jlaqqax biċċa injama waħda jew aktar

Iċ-ċiklu ta' xogħol jikkonsisti billi jlaqqax biċċa injama tonda (arżnu niexef jew *plywood*) ta' l-inqas 1,5 m twal, li huma misnuna fuq naħa waħda u għandha dijametru ta' bejn wieħed u ieħor ugwali għall-massimu li x-*schredder/chipper* huwa mfassal biex jaċċetta speċifikati fl-istruzzjonijiet fornuti lix-xerrej.

*Perjodu ta' osservazzjoni / determinazzjoni ta' livell ta' qawwa ta' ħoss*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jispiċċa meta ma hemmx aktar materjal fiż-żona ta' tlaqqix, imma m' għandux jaqbeż 20 sekonda. Jekk iż-żewġ operazzjonijiet huma possibbli, għandu jingħata l-għola livell ta' qawwa ta' ħoss

51. **MAGNI LI JNEĦĦU L-BORRA B' GĦODDA LI DDUR**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Prova taħt tagħbija*

In-neffieħa tal-borra għandha tkun ipprovata f'posizzjoni stazzjonarja. In-neffieħ tal-borra għandha, skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-produttur, topera mingħajr tagħmir li jaħdem fil-veloċitá massima tagħha u l-magna fil-veloċitá korrispondenti

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun ta' l-inqas 15-il sekonda

52. **VETTURI LI JIĠBDU**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Prova taħt tagħbija*

Il-vettura li tiġbed għandha tkun ipprovata f'posizzjoni stazzjonarja. Il-magna u l-unitajiet awżiljarji joperaw b'veloċitá pprovduta mill-produttur għall-operazzjoni ta' tagħmir li jaħdem; il-pompa(i) ta' vakum hija (huma) fil-veloċitá massima tagħha (tagħhom) pprovdut mill-produttur. It-tagħmir

▼B

li jiġbed huwa operat f'dak il-mod li l-pressjoni interna hija ugwali għal pressjoni atmosferika (0 % vakum). Il-fluss tal-ħoss taż-żennuna ta' ġbid m' għandhiex ikollha kwalunkwe influwenza fuq ir-riżultati tal-kejl.

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun ta' l-inqas 15-il sekonda

53. **KREJNIJIET LI JINTRAMAW**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Wiċċ ta' kejl/numru ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu/distanza ta' kejl*

K e j l f ' l i v e l l t a ' l - a r t

Emisferu/ 6 posizzjonijet ta' mikrofonu skond Parti A paragrafu 5/skond Parti A paragrafu 5.

T k e j j i l g ħ a n d u j s i r f ' t u l t a ' *j i b*

Fejn il-mekkaniżmu li jerfá jinsab f'tul ta' *jib*, il-wiċċ ta' kejl għandu jkun sfera ta' *radius* ta' 4 m, iċ-ċentru ta' liema għandu jikkonċedi maċ-ċentru ġeometriku tal-winċ

Fejn il-kejl isir bil-mekkaniżmu ta' rfigħ fuq il-qagħda tal-*jib* tal-krejn, iż-żona tal-wiċċ ta' kejl huwa sfera; S huwa ugwali għal 200 $m^2$

Il-posizzjonijiet tal-mikrofonu għandhom ikunu kif ġejjin (ara figura 53.1):

Erba' posizzjonijet ta' mikrofonu fuq pjan orizzontali li jgħaddi ċentru ġeometriku tal-mekkaniżmu (H = h/2)

b' L = 2,80 m

u d = 2,80 - l/2

L = nofs distanza bejn żewġ posizzjonijiet konsekuttivi ta' magna

l = tul ta' mekkaniżmu (tul fus ta' *jib*)

b = wisa' ta' mekkaniżmu

h = għoli ta' mekkaniżmu

d = distanza bejn appoġġ ta' mikrofonu u mekkaniżmu f'direzzjoni ta' *jib*

Iż-żewġ posizzjonijiet ta' mikrofonu l-oħra għandhom ikunu lokati fil-punti ta' inserizzjoni ta' l-isfera u l-linja vertikali li tgħaddi miċ-ċentru ġeometriku tal-mekkaniżmu

**Kondizzjonijiet operattivi matul il-prova**

*Immuntar tat-tagħmir*

K e j l t a ' m e k k a n i ż m u l i j e r f a '

Il-mekkaniżmu li jerfa' waqt il-prova għandu jkun immuntat f'wieħed mill-modi li ġejjin. Il-posizzjoni għandu jkun deskritt fir-rapport tal-prova

(a) Mekkaniżmu ta' rfigħ f'livell ta' l-art

Il-krejn immuntat għandu jitqiegħed fuq wiċċ riflettiv ċatt ta' konkrit jew asfalt mhux porus

(b) Mekkaniżmu ta' rfigħ fuq il-qagħda tal-*jib*

Il-mekkaniżmu ta' rfigħ għandu jkun 12 m fuq l-art

(ċ) Mekkaniżmu ta' rfigħ fiss ma' l-art

Il-mekkaniżmu ta' rfigħ għandu jkun fiss fuq wiċċ riflessiv ċatt ta' konkrit jew asfalt mhux porus

K e j l t a l - ġ e n e r a t u r t a ' l - e n e r ġ i j a

Fejn il-ġeneratur ta' l-enerġija huwa mwaħħal mal-krejn, kemm jekk huwa mqabbad mal-mekkaniżmu li jerfa' kemm jekk le, il-krejn għandu jkun immuntat fuq wiċċ riflessiv ċatt ta' konkrit jew asfalt mhux porus

▼B

Fejn il-mekkaniżmu ta' rfigħ li qiegħed fuq il-magħqad tal-*jib*, il-kejl tal-ħoss jista' jsir bil-mekkaniżmu jew immuntat fuq il-*jib* jew fiss ma' l-art

Fejn is-sors ta' l-enerġija li jħaddem il-krejn huwa indipendenti minnu (ġeneratur ta' qawwa elettrika jew *mains*, jew idrawlika jew sors ta' qawwa pnewmatika

Fejn il-ġeneratur ta' l-enerġija huwa mwaħħal mal-krejn, il-ġeneratur ta' l-enerġija u l-mekkaniżmu li jerfa' għandu jitkejjel separatament jekk ma jkunux kombinati. Fejn dawn iż-żewġ mezzi huma kkombinati, il-kejl għandu jirreferi għall-assemblaġġ kollu

Matul il-prova, il-mekkaniżmu li jerfa' u l-ġeneratur ta' l-enerġija għandhom ikunu nstallati u wżati skond l-istruzzjonijiet tal-produttur

*Prova ħielsa minn tagħbija*

Il-ġeneratur ta' l-enerġija inkorporata fil-krejn għandha topera fir-rata ta'qawwa sħiħa indikata mill-produttur

Il-mekkaniżmu li jerfa' għandu jopera ħieles minn tagħbija, bit-travu tiegħu jdur f'veloċitá ta' rotazzjoni li tikkorrispondi għall-veloċitá massima ta'spostament tal-ġanċ, fil-modi ta' tlugħ u nżul. Din il-veloċitá għandha tkun speċifikata mill-produttur. L-ikbar miż-żewġ livelli ta' qawwa tal-ħoss (tlugħ u nżul) għandhom jintużaw għar-riżultati tal-prova

*Prova taħt tagħbija*

Il-ġeneratur ta' l-enerġija nkorporat fil-krejn għandu jopera fil-qawwa b'rata sħiħa indikata mill-produttur. Il-mekkaniżmu li jerfa' għandu jopera b'tensjoni ta' kejbil fit-travu li jikkorispondi għat-tagħbija massima (għall-*radius* minimu) bil-ganċ jiċċaqlaq f'veloċitá massima. It-tagħbija u figuri ta' veloċitá għandhom ikunu speċifikati mill-produttur. Il-veloċitá għandu tkun ikkontrollata matul il-prova

*Perjodu(i) ta' osservazzjoni/determinazzjoni ta' livell ta' qawwa ta' ħoss li jirriżulta jekk aktar minn kondizzjoni operattiva waħda hija wżata*

Għall-kejl ta' livell ta' pressjoni ta' ħoss għall-mekkaniżmu li jerfa', il-perjodu ta' kejl għandu jkun ($t_r$+ $t_f$) sekondi:

$t_r$ tkun il-perjodu f'sekondi qabel l-attivazzjoni tal-brejk, bil-mekkaniżmu li jerfa' jopera f'manjiera speċifikata aktar ‘il fuq. Għall-għan tal-prova $t_r$ = 3 sekondi

$t_f$ jkun il-perjodu f'sekondi bejn il-mument meta l-brejk huwa attivat u dak meta il-ganċ jieqaf kompletament

Jekk integratur huwa wżat, il-perjodu ta' integrazzjoni għandu jkun ugwali għal ($t_r$ + $t_f$) sekondi

L-għerq moderat tal-valur kwadrat b' osizzjoni ta' mikrofonu li għandu jingħata minn:

$$L_{pi} = 10\lg[(t_r 10^{0,1L_{ri}} + t_f \circ 10^{0,1L_{fi}})/(t_r + t_f)]$$

$L_{ri}$ tkun il-livell ta' pressjoni ta' ħoss f'posizzjoni ta' mikrofonu i matul perjodu $t_r$

$L_{fi}$ tkun il-livell ta' pressjoni ta' ħoss f'posizzjoni ta' mikrofonu li matul il-perjodu tal-brejk $t_f$

▼B

*Figura 53.1*

**Arranġament ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu fejn il-mekkaniżmu li jerfa' jinsab fuq il-magħqad tal-*jib***



▼B

54. **TRENCHERS**

Ara Nru 0

55. **TRAKK TAT-TAĦLIT**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Prova taħt tagħbija*

It-trakk tat-taħlit għandu jkun ipprovat f'posizzjoni stazzjonarja. It-travu jimtela bil-konkrit ta' konsistenza medja (kejl ta' propagazzjoni 42 sa 47 ċm) jaqbel mal-kapaċitá rratata. Il-magna li tħaddem it-travu għandu jopera fil-veloċitá li jikkawża l-veloċitá massima tat-travu speċifikat fl-istruzzjonijiet fornuti mix-xerrej

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun ta' l-inqas 15-il sekonda

56. **UNITAJIET TA' POMPA TA' L-ILMA**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Wiċċ ta' kejl/numru ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu/distanza ta' kejl*

*Parallelepiped*/skond EN OSI 3744:1995 b'distanza ta' kejl d = 1 m

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Immuntar ta' tagħmir*

L-unitá ta' l-ilma għandu jkun installat fuq il-pjan riflessiv; pakketti ta' qawwa idrawlika ta' mmuntar ta' skiddjar għandu jitqiegħed fuq appoġġ 0,40 għoli, sakemm mhux meħtieġ mod ieħor mill-kondizzjonijiet ta' installazzjoni ta' produttur

*Prova taħt tagħbija*

Il-magna għandha topera fil-punt ta' l-aqwa effiċenza mogħtija fl-istruzzjonjiet tal-produttur

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun ta' l-inqas 15-il sekonda

57. **ĠENERATURI TA' WELDJAR**

***Standard* bażiku ta' emissjoni ta' ħoss**

EN OSI 3744:1995

*Korrezzjoni ambjentali $K_{2A}$*

Kejl fl-arja aperta

$K_{2A} = 0$

Kejl ġewwa

Il-valur tal-kostanti $K_{2A}$, iddeterminat mingħajr il-wiċċ artifiċjali u skond l-Anness A sa EN OSI 3744:1995 għandu jkun = 2,0 dB, f'liema każ $K_{2A}$ m'għandux jitqies

*Wiċċ ta' kejl/numru ta' posizzjonijiet ta' mikrofonu/distanza ta' kejl*

Emisferu/ 6 posizzjonijet ta' mikrofonu skond Parti A paragrafu 5/skond Parti A paragrafu 5.

Jekk l > 2 m: *parallelepiped* skond EN OSI 3744:1995 tista' tintuża ma' distanza ta' kejl d = 1 m.

▼B

**Kondizzjonijiet operattivi matul prova**

*Immuntar ta' tagħmir*

Il-ġeneraturi ta' weldjar għandhom ikunu installati fuq il-pjan riflessiv; ġeneraturi ta' qawwa ta' mmuntar ta' skiddjar għandu jitqiegħed fuq appoġġ 0,40 għoli, sakemm mhux meħtieġ mod ieħor mill-kondizzjonijiet ta' installazzjoni ta' produttur

*Prova taħt tagħbija*

OSI 8528-10:1998, punt 9

*Perjodu ta' osservazzjoni*

Il-perjodu ta' osservazzjoni għandu jkun ta' l-inqas 15-il sekonda

▼B

*ANNESS IV*

**MUDELLI TAL-IMMARKAR TA' KONFORMITA TAL-KE U TA' L-INDIKAZZJONI TAL-LIVELL GARANTIT TA' QAWWA TA' ĦOSS**

L-immarkar ta' konformitá tal-CE għandha tikkonsisti fl-inizjali "CE" li jieħdu l-forma li ġejja:



Jekk il-marka tal-CE hija mnaqqsa jew imkabbra skond id-daqs tat-tagħmir il-proporzjonijiet mogħtija fid-disinn ta' fuq għandhom ikunu rispettati. Il-komponenti varji tal-marka tal-CE għandu jkollhom sustanzjalment l-istess dimensjoni vertikali li ma tistax tkun anqas minn 5 mm.

L-indikazzjoni tal-livell garantit ta' qawwa ta' ħoss għandu jikkonsisti f'numru singolu tal-qawwa ta' ħoss garantit f'4B, is-sinjal $L_{WA}$ u l pittogram jieħu l-forma li ġejja:




Jekk il-marka tal-CE hija mnaqqsa jew imkabbra skond id-daqs tat-tagħmir il-proporzjonijiet mogħtija fid-disinn ta' fuq għandhom ikunu rispettati. Madankollu, id-dimensjoni vertikali ta' l-indikazzjoni għandha, jekk possibbli, ma tkunx anqas minn 40 mm.

▼B

*ANNESS V*

**KONTROLL INTERN TA' PRODUZZJONI**

1. Dan l-Anness jiddeskrivi l-proċedura fejn il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fi ħdan il-Komunitá, li jagħmel l-obbligi mniżżla f'punt 2, jassigura u jiddikjara li t-tagħmir ikkonċernat jissodisfa l-bżonnijiet tad-Direttiva. Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jwaħħal il-marka ta' konformitá tal-CE u l-indikazzjoni tal-livell garantit ta' qawwa ta' ħoss kif meħtieġ fl-Artikolu 11 għal kull biċċa ta' tagħmir u jfassal dikjarazzjoni ta' konformitá bil-miktub tal-KE kif meħtieġ fl-Artikolu 8.

2. Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jfassal dokumentazzjoni teknika deskritta f'punt 3 u għandu jżommha għal perjodu li jintemm ta' l-inqas 10 snin wara li l-aħħar prodott kien magħmul fid-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali relevanti għall-għanijiet ta' spezzjoni. Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, jista' jinkariga pesuna oħra biex iżżomm id-dokumentazzjoni teknika. F'dan il-każ għandu jinkludi l-isem u l-indirizz ta' din il-persuna fid-dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE.

3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tħalli l-konformitá tat-tagħmir mal-bżonnijet ta' din id-Direttiva biex tkun stmata. Għandu jkun fiha ta' l-inqas l-informazzjoni li ġejja:

   — isem u indirizz tal-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat mwaqqaf fil-Komunità

   — deskrizzjoni tat-tagħmir

   — għamla

   — isem ta' kummerċ

   — tip, serje u numri

   — it-tagħrif tekniku relevanti għall-identifikazzjoni tat-tagħmir u l-istima ta' l-emissjoni ta' ħoss tiegħu, li jinkludi, jekk xieraq, disinji skematiċi u kwalunkwe deskrizzjoni u tifsir neċessarju biex jinftiehmu

   — ir-referenza għal din id-Direttiva

   — ir-rapport tekniku ta' kejl ta' ħoss li jsir skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva

   — l-istrumenti tekniċi applikati u r-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-inċertezzi minħabba varjazzjoni ta' produzzjoni u r-relazzjoni tagħhom għall-livell garantit ta' qawwa ta' ħoss.

4. Il-produttur għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex il-proċess ta' produzzjoni jassigura kontinwità ta' qbil tat-tagħmir magħmul bid-dokumentazzjoni teknika msemmija f'punti 2 u 3 u mal-bżonnijiet ta' din id-Direttiva.

▼B

*ANNESS VI*

**KONTROLL INTERN TA' PRODUZZJONI MA' STIMA TA' DOKUMENTAZZJONI TEKNIKA U KONTROLL PERJODIKU**

1. Dan l-Anness jiddeskrivi l-proċedura pprovduta mill-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fi ħdan il-Komunitá, li jagħmel l-obbligi mniżżla f'punti 2, 5 u 6 jassigura u jiddikjara li t-tagħmir ikkonċernat jissodisfa l-bżonnijiet ta' din id-Direttiva. Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jwaħħal il-marka ta' konformitá tal-CE u l-indikazzjoni tal-livell garantit ta' qawwa ta' ħoss kif meħtieġ fl-Artikolu 11 għal kull biċċa ta' tagħmir u jfassal dikjarazzjoni ta' konformitá bil-miktub tal-KE kif meħtieġ fl-Artikolu 8.

2. Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jfassal dokumentazzjoni teknika deskritta f'punt 3 u għandu jżommha għal perjodu li jintemm ta' l-inqas 10 snin wara l-aħħar prodott kien magħmul fid-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali relevanti għall-għanijiet ta' spezzjoni. Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, jista' jinkariga persuna oħra biex iżżomm id-dokumentazzjoni teknika. F'dan il-każ għandu jinkludi l-isem u l-indirizz ta' din il-persuna fid-dikjarazzjoni ta' konformitá ta' KE.

3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tħalli l-konformitá tat-tagħmir mal-bżonnijet ta' din id-Direttiva biex tkun stmata. Għandu jkun fiha ta' l-inqas l-informazzjoni li ġejja:

   — isem u indirizz tal-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat mwaqqaf fil-Komunità

   — deskrizzjoni tat-tagħmir

   — għamla

   — isem ta' kummerċ

   — tip, serje u numri

   — it-tagħrif tekniku relevanti għall-identifikazzjoni tat-tagħmir u l-istima ta' l-emissjoni ta' ħoss tiegħu, li jinkludi, jekk xieraq, disinji skematiċi u kwalunkwe deskrizzjoni u tifsir neċessarju biex jinftiehmu

   — ir-referenza għal din id-Direttiva

   — ir-rapport tekniku ta' kejl ta' ħoss li jsir skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva

   — l-istrumenti tekniċi applikati u r-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-inċertezzi minħabba varjazzjoni ta' produzzjoni u r-relazzjoni tagħhom għall-livell garantit ta' qawwa ta' ħoss.

4. Il-produttur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-proċess ta' produzzjoni jassigura kontinwità ta' qbil tat-tagħmir magħmul bid-dokumentazzjoni teknika msemmija f 'punti 2 u 3 u mal-bżonnijiet ta' din id-Direttiva.

5. *Evalwazzjoni mill-korp notifikat qabel ma jitqiegħed fis-suq*

   Il-produttur, jew rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jippreżenta kopja tad-dokumentazzjoni teknika lill-korp notifikat ta' għażla tiegħu qabel l-ewwel oġġett ta' tagħmir jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed f'servizz.

   Jekk hemm dubji dwar il-plawsibbilitá tad-dokumentazzjoni teknika, il-korp notifikat għandu javża kif xieraq lill-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, u, jekk ikun hemm bżonn, jagħmel, jew kien għamel modifiki għad-dokumentazzjoni teknika, jew possibli, provi għandhom jitqiesu neċessarji.

▼B

Wara li l-korp notifikat joħroġ rapport li jikkonferma li d-dokumentazzjoni teknika tissodisfa d-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fi ħdan il-Komunitá jista' jwaħħal il-marka tal-CE mat-tagħmir u joħroġ dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE skond l-Artikoli 11 u 8, għal liema għandu jkollu risponsabbiltá kompleta.

6. *Evalwazzjoni mill-korp notifikat matul produzzjoni*

Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jinvolvi aktar il-korp notifikat fil-fażi ta' produzzjoni skond waħda mill-proċeduri li għandhom jintgħażlu mill-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fi ħdan il-Komunitá:

— il-korp notifikat għandu jagħmel kontrolli perjodiċi sabiex jivverifika qbil kontinwu tat-tagħmir magħmul bid-dokumentazzjoni teknika u mal-bżonnijiet ta' din id-Direttiva; b'mod partikolari il-korp notifikat għandu jikkonċentra fuq:

  — il-marka korretta u kompluta tat-tagħmir skond l-Artikolu 11,

  — ħruġ tad-dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE skond l-Artikolu 8,

  — l-istrumenti tekniċi applikati u r-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-inċertezzi minħabba varjazzjoni ta' produzzjoni u r-relazzjoni tagħhom għall-livell garantit ta' qawwa ta' ħoss,

Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jagħti l-korp notifikat aċċess ħieles tad-dokumentazzjoni interna kollha li jappoġġaw dawn il-proċeduri, r-riżultati attwali tar-reviżjonijiet interni u l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu, jekk hemm.

Jekk il-kontrolli imsemmija aktar ‘il fuq biss jagħtu riżultati mhux sodisfaċenti, il-korp notifikat għandu jagħmel kontrolli ta' ħoss, li, fuq il-ġudizzju u esperjenza tiegħu, jista' jkun simplifikat jew kompletament magħmul skond id-disposizzjonijiet mniżżla fl-Anness III għat-tip ta' tagħmir relevanti,

— il-korp notifikat għandu jagħmel jew għamel kontroll ta' prodott f'intervalli kif ġie ġie. Kampjun adegwat tat-tagħmir finali, magħżul mill-korp notifikat, għandu jkun eżaminat u provi ta' ħoss xierqa għandhom jitniżżlu fl-Anness III, jew provi ekwivalenti, għandhom isiru biex jikkontrollaw il-konformitá tal-prodott mal-bżonnijiet relevanti tad-Direttiva. Il-kontroll ta' prodott għandu jinkludi l-aspetti li ġejjin:

  — il-marka korretta u kompluta tat-tagħmir skond l-Artikolu 11,

  — ħruġ tad-dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE skond l-Artikolu 8,

Fiż-żewġ proċeduri, il-frekwenza tal-kontrolli għanda tkun definita mill-korp notifikat skond ir-riżultati ta' evalwazzjonijiet ta' qabel, il-bżonn biex għal azzjonijiet ta' kontroll korrettiv u aktar gwida għall-frekwenza tal-kontrolli li jistgħu jingħataw mill-produzzjoni ta' kull sena u sikurezza ġenerali tal-produttur biex iżżomm il-valuri garantiti; madankollu għandu jsir kontroll ta' l-inqas darba kull tliet snin.

Jekk hemm dubju dwar il-plawsibbilitá tad-dokumentazzjoni teknika jew iż-żamma waqt il-produzzjoni, il-korp notifikat għandu javża kif xieraq lill-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá.

F'dawk il-każijiet fejn tagħmir ikkontrollat ma jaqbilx mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-korp notifikat għandu javża lill-Istat Membru li jkun qed jagħmel in-notifika.

▼B

*ANNESS VII*

**UNITÀ TA' VERIFIKA**

1. Dan l-Anness jiddeskrivi l-proċedura li permezz tagħha l-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, jassigura u jiddikjara li t-tagħmir li nħareġ maċ-ċertifikat imsemmi f'punt 4 jaqbel mal-bżonnijiet ta' din id-Direttiva. Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jwaħħal il-marka tal-CE supplementata mill-informazzjoni kif meħtieġa fl-Artikolu 11 għat-tagħmir u jfassal dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE imsemmi fl-Artikolu 8.

2. L-applikazzjoni għal unitá ta' verifika għandha ssir mill-produttur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá lil korp notifikat magħżul minnu.

   Din l-applikazzjoni għandha tinkludi:

   — l-isem u indirizz tal-produttur u, jekk l-applikazzjoni ssir mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, l-isem u indirizz flimkien ma'

   — dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma saritx ma' kwalunkwe korp notifikat ieħor

   — dokumentazzjoni teknika li taqbel mal-bżonnijiet mniżżla hawn:

     — deskrizzjoni tat-tagħmir

     — isem ta' kummerċ

     — tip, serje u numri

     — it-tagħrif tekniku relevanti għall-identifikazzjoni tat-tagħmir u l-istima ta' l-emissjoni ta' ħoss tiegħu, li jinkludi, jekk xieraq, disinji skematiċi u kwalunkwe deskrizzjoni u tifsir meħtieġ biex jinftiehmu biex jinftiehmu

     — ir-referenza għal din id-Direttiva

3. Il-korp notifikat għandu:

   — jeżamina jekk it-tagħmir kien magħmul bi qbil mad-dokumentazzjoni teknika

   — jaqbel ma' l-applikant il-post fejn, skond din id-Direttiva, għandhom isiru l-provi ta' ħoss

   — skond din id-Direttiva, jagħmel jew jara li jsiru l-provi ta' ħoss meħtieġa.

4. Fejn it-tagħmir jilħaq il-bżonnijiet ta' din id-Direttva, il-korp notifikat għandu joħroġ ċertifikat ta' konformitá ma' l-applikant deskritt fl-Anness X.

   Jekk il-korp notifikat jirrifjuta li joħroġ ċertifikat ta' konformitá, għandu jiddikjara r-raġunijiet dettaljati għaċ-ċaħda.

5. Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jżomm kopji tad-dokumentazzjoni teknika taċ-ċertifikat ta' konformitá għal perjdou ta' 10 snin mid-data li fiha t-tagħmir jitqiegħed fis-suq.

▼B

*ANNESS VIII*

## ASSIGURAZZJONI TA' KWALITÀ SHIHA

1. Dan l-Anness jiddeskrivi l-proċedura li permezz tagħha l-produttur li jissodisfa l-obbligi ta' punt 2 jassigura u jiddikjara li t-tagħmir ikkonċernat jissodisfa il-bżonnijiet ta' din id-Direttiva. Il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunitá, għandu jwaħħal il-marka tal-CE supplementata mill-informazzjoni kif meħtieġa fl-Artikolu 11 għat-tagħmir u jfassal dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE imsemmi fl-Artikolu 8.

2. Il-produttur għandu jopera sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalitá approvata għal disinn, produzzjoni u spezzjoni finali ta' prodott u ppruvar kif speċifikat f'punt 2 u għandu jkun suġġett għal sorveljanza kif speċifikat f'punt 4.

3. Sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalitá

3.1. Il-produttur għandu jagħmel applikazzjoni għal stima ta' sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalitá tiegħu ma' korp notifikat ta' l-għażla tiegħu.

Din l-applikazzjoni għandha tinkludi:

— l-informazzjoni kollha relevanti għall-kategorija ta' prodott maħsub, li jinkludi dokumentazzjoni teknika tat-tagħmir kollu f'fażi ta' disinn jew produzzjoni li għandu jkollu ta' l-inqas l-informazzjoni li ġejja:

  — isem u indirizz tal-produttur jew ir-rappreżentant awtorizzat mwaqqaf fil-Komunità

  — deskrizzjoni tat-tagħmir

  — għamla

  — isem ta' kummerċ

  — tip, serje u numri

  — it-tagħrif tekniku relevanti għall-identifikazzjoni tat-tagħmir u l-istima ta' l-emissjoni ta' ħoss tiegħu, li jinkludi, jekk xieraq, disinji skematiċi u kwalunkwe deskrizzjoni u tifsir meħtieġ biex jinftiehmu

  — ir-referenza għal din id-Direttiva

  — ir-rapport tekniku ta' kejl ta' ħoss li jsir skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva

  — l-istrumenti tekniċi applikati u r-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-inċertezzi minħabba varjazzjoni ta' produzzjoni u r-relazzjoni tagħhom għall-livell garantit ta' qawwa ta' ħoss,

  — kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformitá tal-KE

— id-dokumentazzjoni li tikkonċerna s-sistema ta' kwalitá ta' assigurazzjoni.

3.2. Is-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni għandha tassigura qbil tal-prodott mal-bżonnijiet tad-Direttivi li japplikaw għaliha

L-elementi kollha, bżonnijiet u disposizzjonijiet addottati mill-produttur għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordinat fil-forma ta' politika, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Id-dokumentazzjoni ta' sistema ta' kwalitá ta' assigurazzjoni għandha tippermetti ftehim komuni tal-politika u proċeduri ta' kwalitá bħal programmita' kwalità, pjanijiet, manwali u reġistri.

3.3. Għandu jkollhom b'mod partikolari deskrizzjoni adegwata ta'

— l-objettivi ta' kwalità u l-istruttura organizzattiva, risponsabbilitajiet u poteri ta' l-amministrazzjoni dwar disinn u kwalità ta' prodott

— id-dokumentazzjoni teknika għandha titfassal għal kull prodott, li jkollu ta' l-inqas l-informazzjoni indikata f'punt 3.1 għad-dokumentazzjonijiet tekniċi msemmija hemm

▼B

— il-kontroll ta' disinn u t-teknići għall-verifika ta' disinn, proċeduri u azzjonijiet sistematiċi li għandhom jintużaw meta jiddisinjaw il-prodotti li għandhom x'jaqsmu mal-kategorija ta' tagħmir koperta

— il-produzzjoni li tikkorrispondi, kontroll ta' kwalità u assigurazzjoni teknika ta' kwalità, proċeduri u azzjonijiet sistematiċi li se jintużaw

— l-eżaminazzjonijiet u prova li jsiru qabel, waqt u wara l-produzzjoni, u b'liema frekwenza se jsiru

— ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjonijiet u tagħrif ta' prova, *data* ta' kalibrazzjoni, rapporti ta' kwalifikazzjoni tal-persunal ikkonċernat, eċċ.

— il-mezzi biex jikkontrollaw il-kisba tad-disinn meħtieġ u l-kwalità ta' prodott u l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni.

Il-korp notifikat għandu jistma s-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni biex jiddetermina jekk tissodisfax il-bżonnijiet imsemmija f'punt 3.2. Għandha titqies konformità ma' dawn il-bżonnijet skond is-sistemi ta' kwalità ta' assigurazzjoni li jimplimentaw EN OSI 9001.

It-*team* ta' revisjonijet għandu jkollu ta' l-inqas membru wieħed bl-esperjenza bħala stimatur fit-tagħmir teknoloġiku kkonċernat. Il-proċedura ta' stima għandha tinkludi żjara ta' stima lill-fondi tal-produttur.

Id-deċiżjoni għandha tkun notifikata lill-produttur. In-notifika għandu jkollha l-konklużjoni ta' l-eżaminazzjoni u l-istima ta' deċiżjoni raġunata.

3.4. Il-produttur għandu jimpenja ruħu biex iwettaq l-obbligi li jinqalgħu tas-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni kif approvata u biex jżommha b'mod adegwat u effiċenti.

Il-produttur jew ir-rappreżentant awtroizzat tiegħu mwaqqaf fi ħdan il-Komunità għandu jżomm lill-korp notifikat li approva s-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni informat bi kwalunkwe aġġornament tas-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni.

Il-korp notifikat għandu jevalwa t-tibdil proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni mibdula tibqa' tissodisfa l-bżonnijiet imsemmija f'punti 3.2 jew jekk tinħtieġx stima mill-ġdid.

Għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-produttur. In-notifika għandu jkollha l-konklużjonijiet ta' l-eżaminazzjoni u d-deċiżjoni ta'stima rraġunata.

4. Sorveljanza taħt ir-responsabbilità tal-korp notifikat

4.1. L-għan tas-sorveljanza hu li tassigura li l-produttur iwettaq l-obbligi li jinqalgħu mis-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni approvata.

4.2. Il-produttur għandu jħalli lill-korp notifikat jidħol għal għanijiet ta' spezzjoni għall-postijiet ta' disinn, produzzjoni, spezzjoni u kontroll, u tiħżin u għandu jipprovdih bl-informazzjoni meħtieġa, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni

— ir-reġistri ta' kwalità maħsuba mill-parti tad-disinn tas-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni, bħal riżultati ta' analiżi, kalkoli, provi, eċċ.

— ir-reġistri ta' kwalità mill-parti ta' produzzjoni tas-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni, bħal rapporti ta' spezzjoni u tagħrif ta' prova, rapporti ta' kwalifiki tal-persunal kkonċernat, eċċ.

4.3. Il-korp notifikat għandu perjodikament jagħmel reviżjonijiet biex jassigura li l-produttur jmantni u japplika s-sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni u għandu jipprovdi rapport ta' revizjoni lill-produttur.

4.4. B'żieda ma' dan il-korp notifikat jista' jagħmel żjajar mhux previsti lill-produttur. Matul żjajar bħal dawn il-korp notifikat jista' jagħmel, jew jikkawża li jagħmel, testijiet biex jivverifikaw li s-sistema ta' kwalità ta'

▼B

assigurazzjoni qed taħdem tajjeb, jekk neċessarju. Il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-produttur b'rapport ta' żjara u, jekk sar test, b'rapport tat-test.

5. Il-produttur għandu, għal perjodu li jintemm ta' l-inqas 10 snin wara l-aħħar tagħmir kien magħmul, iżomm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali:

— id-dokumentazzjoni msemmija fit-tieni inċiż ta' punt 3.1 ta' dan l-Anness

— l-aġġornament imsemmi fit-tieni paragrafu ta' punt 3.4

— id-deċiżjonijiet u rapport mill-korp notifikat imsemmija fil-paragrafu finali ta' punt 3.4, punti 4.3 u 4.4.

6. Kull korp notifikat għandu jagħti l-korpi notifikati oħra l-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna approvazzjonijiet ta' sistema ta' kwalità ta' assigurazzjoni maħruġa u rtirata.

▼B

*ANNESS IX*

**KRITERJI MINIMI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU IN KUNSIDERAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI GĦAN-NOTIFIKI TA' KORPI**

1. Il-korp, id-direttur tiegħu u l-istaff responsabbli biex jagħmul operazzjonijiet ta' verifika jistgħu jkunu la d-disinjaturi, bennej, fornitur jew installatur tat-tagħmir u l-anqas ir-rappreżentant awtorizzat ta' kwalunkwe minn dawk il-partijiet. Jistgħu jsiru nvoluti la direttament u l-anqas bħala rappreżentati awtorizzati fid-disinn, kostruzzjoni, *marketing* jew manutenzjoni ta' tagħmir bħal dan l-anqas jirrapreżenta l-partijiet magħquda fl-attivitajiet. Dan ma jipprekludix il-possibbilitajiet ta' skambju ta' informazzjoni teknika bejn il-produttur u l-korp.

2. Il-korp u l-istaff tiegħu għandu jagħmel l-istimi u l-verifiki bl-għola grad ta' integrità professjonali u kompetenza teknika u għandu jkun ħieles mill-pressjonijiet kollha u inċentivi, partikolarment finanzjarja, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tax-xogħol tagħhom, speċjalment minn persuni jew gruppi ta' persuni b' interess fir-riżultati ta' verifika.

3. Il-korp għandu jkollu għad-disposizzjoni tiegħu l-istaff meħtieġ u jipposjedi l-faċilitajiet meħtieġa biex iħallieħ jagħmel sew ix-xogħol tekniku u amministrattiv konnes ma' operazzjonijiet ta' spezzjoni u sorveljanza; għandu jkollu wkoll stima għat-tagħmir meħtieġ għal kwalunkwe verifika speċjali.

4. L-istaff responsabbli għall-ispezzjoni għandu jkollu;

   — taħriġ san, tekniku u professjonali

   — tagħrif sodisfaċenti tal-bżonnijiet għall-istima ta' dokumentazzjoni teknika

   — tagħrif sodisfaċenti tal-bżonnijiet għall-provi li jagħmlu u esperjenza prattika adegwata ta' provi bħal dawn

   — l-abbilità li jfasslu ċ-ċertifikati, reġistri u rapporti meħtieġa biex jawtentikaw il-preżentazzjoni tal-provi.

5. L-imparzjalità ta' staff li jispezzjona għandha tkun garantita. Ir-rimunerazzjoni m'għandhiex tiddependi fuq in-numru ta'provi magħmula jew ir-riżultati ta' provi bħal dawn

6. Il-korp għandu joħroġ l-assigurazzjoni ta' responsabbilità sakemm ir-responsabbilità tagħha hija meħuda mill-Istat skond il-liġi nazzjonali, jew l-Istat Membru nnifsu huwa direttament risponsabbli għall-provi.

7. L-istaff tal-korp għandu josserva segretezza professjonali dwar l-informazzjoni kollha miksuba billi jsiru l-provi tagħhom (minbarra l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti ta' l-Istati f'liema qed isiru l-attivitajiet) taħt din id-Direttiva jew kwalunke disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jagħtu effett lilha

▼B

*ANNESS X*

**UNITA TA' VERIFIKA**

MUDELL TA' ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÁ

**UNIT VERIFICATION**

MODEL OF CONFORMITY CERTIFICATE

| **EC CONFORMITY CERTIFICATE** | |
|---|---|
| 1. MANUFACTURER | 2. EC CONFORMITY CERTIFICATE No |
| 3. CERTIFICATE HOLDER | 4. ISSUING DIRECTIVE APPLICABLE |
| 5. LABORATORY REPORT<br><br>No Date:<br><br>Measured sound power level:<br><br>........................... dB | 6. EC DIRECTIVE APPLICABLE<br><br>…/…/EC |
| 7. DESCRIPTION OF EQUIPMENT<br><br>Type of equipment:<br>Trade name:<br>Type No:<br>Type of motor(s):<br>Type of energy:<br>Other required technical characteristics: | <br><br>Category:<br><br>Identification No:<br>Manufacturer:<br>Power/revs: |
| 8. THE FOLLOWING DOCUMENTS BEARING THE NUMBER SHOWN IN BOX 2 ARE ANNEXED TO THIS CERTIFICATE: | |
| 9. CERTIFICATE VALID<br><br>(Stamp)<br><br>Place<br><br>(Signature)<br><br>Date: / / | |
| | |